# DIRETTIVA (UE) 2018/851 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## tat-30 ta' Mejju 2018

## li temenda d-Direttiva 2008/98/KE dwar l-iskart

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz ta' att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ([2]),

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja ([3]),

Billi:

(1) L-immaniġġjar tal-iskart fl-Unjoni jenħtieġ li jittejjeb u jiġi ttrasformat f'immaniġġjar sostenibbli tal-materjal, bil-ħsieb li titħares, tinżamm u tiżdied il-kwalità tal-ambjent, tkun protetta s-saħħa tal-bniedem, tkun żgurata utilizzazzjoni prudenti, effiċjenti u razzjonali tar-riżorsi naturali, jiġi promoss il-prinċipju tal-ekonomija ċirkolari, jissaħħaħ l-użu tal-enerġija rinnovabbli, tiżdied l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija, titnaqqas id-dipendenza tal-Unjoni fuq ir-riżorsi importati, jiġu pprovduti opportunitajiet ekonomiċi ġodda u jingħata kontribut għall-kompetittività fit-tul. Sabiex l-ekonomija ssir verament ċirkolari, huwa neċessarju li jittieħdu miżuri addizzjonali dwar il-produzzjoni u l-konsum sostenibbli, b'enfasi fuq iċ-ċiklu sħiħ tal-ħajja tal-prodotti b'tali mod li jiġu ppreservati r-riżorsi u jingħalaq iċ-ċirku. L-użu aktar effiċjenti tar-riżorsi jġib ukoll iffrankar nett sostanzjali għan-negozji, l-awtoritajiet pubbliċi u l-konsumaturi tal-Unjoni, filwaqt li jnaqqas l-emissjonijiet annwali totali ta' gassijiet serra.

(2) It-titjib fl-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi u l-iżgurar li l-iskart jiġi vvalorizzat bħala riżorsa jistgħu jikkontribwixxu għat-tnaqqis tad-dipendenza tal-Unjoni fuq l-importazzjoni ta' materja prima u jiffaċilitaw it-tranżizzjoni għal immaniġġjar aktar sostenibbli tal-materjal u għall-mudell ta' ekonomija ċirkolari. Dik it-tranżizzjoni jenħtieġ li tikkontribwixxi għall-għanijiet ta' tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv stipulati fl-istrateġija Ewropa 2020 u toħloq opportunitajiet importanti għall-partijiet interessati u l-ekonomiji lokali, filwaqt li tikkontribwixxi biex jiżdiedu s-sinerġiji bejn l-ekonomija ċirkolari u l-politiki dwar l-enerġija, il-klima, l-agrikoltura, l-industrija u r-riċerka, kif ukoll biex jinġiebu benefiċċji ambjentali, f'termini ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra, u għall-ekonomija.

(3) Il-miri stipulati fid-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) għall-preparazzjoni għall-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ tal-iskart jenħtieġ li jiżdiedu biex jirriflettu aħjar l-ambizzjoni tal-Unjoni li timxi lejn ekonomija ċirkolari.

(4) Jenħtieġ li tkun żgurata l-koerenza bejn id-Direttiva 2008/98/KE u l-atti leġislattivi relatati tal-Unjoni bħad-Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]) u r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]).

---

([1]) ĠU C 264, 20.7.2016, p. 98.

([2]) ĠU C 17, 18.1.2017, p. 46.

([3]) Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' April 2018, (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali), u d-deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2018.

([4]) Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi (ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3).

([5]) Id-Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi 2001/77/KE u 2003/30/KE (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 16).

([6]) Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1).

(5) Għadd ta' Stati Membri għadhom ma żviluppawx għalkollox l-infrastruttura meħtieġa għall-immaniġġjar tal-iskart. Għaldaqstant huwa essenzjali li jiġu stabbiliti għanijiet ta' politika ċari u fit-tul sabiex jiggwidaw il-miżuri u l-investimenti, speċifikament billi jiġi evitat il-ħolqien ta' kapaċitajiet strutturali eċċessivi għat-trattament tal-iskart residwali u tiġi evitata l-inerzja tal-materji riċiklabbli fil-livelli l-baxxi tal-ġerarkija tal-iskart.

(6) L-iskart muniċipali jikkostitwixxi kważi bejn 7 % u 10 % tal-iskart kollu ġġenerat fl-Unjoni. Dan il-fluss tal-iskart, madankollu, hu fost l-aktar skart kumpless biex timmaniġġja, u l-mod kif jiġi mmaniġġjat ġeneralment jixhed sew il-kwalità tas-sistema ġenerali tal-immaniġġjar tal-iskart ġenerali fil-pajjiż. L-isfidi tal-iskart muniċipali jirriżultaw mill-kompożizzjoni tiegħu tassew kumplessa u mħallta, mill-prossimità diretta tiegħu għaċ-ċittadini, mill-viżibilità pubblika għolja ħafna tiegħu u mill-impatt tiegħu fuq l-ambjent u s-saħħa tal-bniedem. Minħabba f'hekk, l-immaniġġjar tal-iskart muniċipali jirrikjedi sistema kumplessa ħafna inkluż skema ta' ġbir effiċjenti, sistema effettiva ta' separazzjoni u intraċċar adegwat tal-flussi tal-iskart, l-involviment attiv taċ-ċittadini u n-negozji, infrastruttura aġġustata skont il-kompożizzjoni speċifika tal-iskart, u sistema elaborata ta' finanzjament. Il-pajjiżi li żviluppaw sistemi effiċjenti għall-immaniġġjar tal-iskart muniċipali ġeneralment ikollhom prestazzjoni aħjar fl-immaniġġjar ġenerali tal-iskart, inkluż il-kisba tal-miri ta' riċiklaġġ.

(7) L-esperjenza wriet li, irrispettivament mill-allokazzjoni tar-responsabbiltajiet għall-immaniġġjar tal-iskart bejn l-atturi pubbliċi u dawk privati, is-sistemi tal-immaniġġjar tal-iskart jistgħu jgħinu biex tinkiseb ekonomija ċirkolari, u li d-deċiżjoni dwar l-allokazzjoni tar-responsabilitajiet ta' spiss tiddependi fuq kundizzjonijiet ġeografiċi u strutturali. Ir-regoli stipulati f'din id-Direttiva jippermettu sistemi tal-ġestjoni tal-iskart meta l-muniċipalitajiet ikollhom ir-responsabbiltà ġenerali għall-ġbir tal-iskart muniċipali, għal sistemi fejn tali servizzi jingħataw b'kuntratt lill-operaturi privati, jew għal kwalunkwe tip ieħor ta' allokazzjoni ta' responsabbiltajiet bejn l-atturi pubbliċi u dawk privati. L-għażla fir-rigward ta' tali sistemi, u d-deċiżjoni dwar jekk dawn għandhomx jinbidlu jew le, huma r-responsabbiltà tal-Istati Membri.

(8) Is-sustanzi bbażati fuq il-pjanti mill-industrija agroalimentari u l-ikel minn oriġini mhux annimali u li m'għadux intiż għall-konsum mill-bniedem li jkunu maħsubin għall-użu bħala għalf mitmugħ lill-annimali jenħtieġ li jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva 2009/98/KE b'konformità sħiħa mal-leġislazzjoni tal-Unjoni dwar l-għalf. Għaldaqstant, id-Direttiva 2008/98/KE jenħtieġ li ma tapplikax għal dawk il-prodotti u s-sustanzi meta jintużaw għall-għalf, u l-kamp ta' applikazzjoni ta' dik id-Direttiva jenħtieġ jiġi ċċarat skont dan. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet l-oħra tal-Unjoni applikabbli fil-qasam tan-nutrizzjoni tal-annimali, il-prodotti sekondarji tal-annimali maħsuba biex jintużaw bħala materjali tal-għalf skont ir-Regolament (KE) Nru 767/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1] diġà huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2008/98/KE sal punt li huma koperti minn leġislazzjoni oħra tal-Unjoni.

(9) Jenħtieġ li jiġu inklużi fid-Direttiva 2008/98/KE definizzjonijiet ta' skart mhux perikoluż, tal-iskart muniċipali, tal-iskart tal-kostruzzjoni u tad-demolizzjoni, tal-iskart tal-ikel, tal-irkupru ta' materjal, tar-radam mill-ġdid, u, tal-iskema ta' responsabbiltà estiża tal-produttur bil-għan li l-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn il-kunċetti jiġi ċċarat.

(10) Biex jiġi żgurat li l-miri għall-preparazzjoni tal-użu mill-ġdid u tar-riċiklaġġ jissejsu fuq dejta affidabbli u paragunabbli, u biex ikun permess monitoraġġ iktar effettiv tal-progress fil-ksib ta' dawk il-miri, id-definizzjoni tal-iskart muniċipali fid-Direttiva 2008/98/KE jenħtieġ li taqbel mad-definizzjoni użata għal finijiet statistiċi mill-Eurostat u mill-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD), li abbażi tagħha l-Istati Membri ilhom is-snin jirrappurtaw id-data. L-iskart muniċipali huwa definit bħala skart minn unitajiet domestiċi u skart minn sorsi oħrajn, bħall-bejgħ bl-imnut, l-amministrazzjoni, l-edukazzjoni, is-servizzi tas-saħħa, l-akkomodazzjoni u s-servizzi tal-ikel, u servizzi u attivitajiet oħra, li jkun simili, fin-natura u fil-kompożizzjoni, għall-iskart minn unitajiet domestiċi. Għalhekk, l-iskart muniċipali jinkludi, inter alia, skart mill-manutenzjoni tal-parks u tal-ġonna, bħal weraq, ħaxix u siġar maqtugħ, u skart minn servizzi ta' tindif tat-toroq u tas-swieq, bħall-kontenut tal-laned taż-żibel u knis ħlief materjali bħal ramel, ġebel, tajn jew trab. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-iskart minn kummerċ u industrija fuq skala kbira li ma jkunx simili għall-iskart minn unitajiet domestiċi ma jkunx inkluż fl-ambitu ta' skart muniċipali. L-iskart mill-produzzjoni, l-agrikoltura, l-forestrija, is-sajd, il-kostruzzjoni u d-demolizzjoni, it-tankijiet settiċi u n-netwerk u t-trattament tad-drenaġġ, il-vetturi li ma għadhomx jintużaw huma esklużi mill-ambitu ta' skart muniċipali. Jenħtieġ li l-iskart muniċipali jenħtieġ li jinftiehem bħala skart li jikkorrispondu

[1] Ir-Regolament (KE) Nru 767/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' għalf, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 79/373/KEE, id-Direttiva tal-Kummissjoni 80/511/KEE, id-Direttivi tal-Kunsill 82/471/KEE, 83/228/KEE, 93/74/KEE, 93/113/KE u 96/25/KE u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/217/KE (ĠU L 229, 1.9.2009, p. 1).

għat-tipi ta' skart inklużi fil-kapitolu 15 01 u l-kapitolu 20, bl-eċċezzjoni tal-kodiċijiet 20 02 02, 20 03 04 u 20 03 06, tal-lista tal-iskart stabbilita bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2014/955/UE ([1]) fil-verżjoni fis-seħħ fl-4 ta' Lulju 2018. Skart li jaqa' taħt kapitoli oħrajn ta' dik il-lista jenħtieġ li ma jiġix ikkunsidrat skart muniċipali ħlief f'każijiet meta l-iskart muniċipali jgħaddi minn trattament, u jiġi assenjat kodiċijiet elenkati fil-kapitolu 19 ta' dik il-lista. L-Istati Membri jistgħu jużaw kategoriji rilevanti f'dik il-lista għal skopijiet ta' statistika. Id-definizzjoni tal-iskart muniċipali f'din id-Direttiva hija introdotta sabiex jiġi ddeterminat il-kamp ta' applikazzjoni tal-miri għat-tħejjija tal-użu mill-ġdid u tariċiklaġġ u r-regoli ta' kalkolu tagħhom. Din hija newtrali fejn jidħol l-istatus pubbliku jew privat tal-operatur li jimmaniġġja l-iskart u għalhekk tinkludi skart mill-unitajiet domestiċi u sorsi oħra, li jiġi ġestit mill-muniċipalitajiet jew f'isimhom jew direttament minn operaturi privati.

(11) Filwaqt li d-definizzjoni tal-iskart tal-kostruzzjoni u d-demolizzjoni tirreferi għal skart li jirriżulta minn attivitajiet ta' kostruzzjoni u demolizzjoni b'mod ġenerali, din tinkludi wkoll skart li joriġina minn attivitajiet do-it-yourself minuri tal-kostruzzjoni u d-demolizzjoni f'unitajiet domestiċi privati. L-iskart tal-kostruzzjoni u d-demolizzjoni jenħtieġ li jinftiehem bħala li jikkorrispondi għat-tipi ta' skart inklużi fil-Kapitolu 17 tal-lista tal-iskart stabbilita bid-Deċiżjoni tat-18 ta' Diċembru 2014 li temenda d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2014/955/UE fil-verżjoni fis-seħħ fl-4 ta' Lulju 2018.

(12) Jenħtieġ li tiġi introdotta definizzjoni ta' rkupru ta' materjal biex jiġu koperti forom ta' rkupru apparti mill-irkupru tal-enerġija u apparti mill-ipproċessar mill-ġdid f'materjali li jintużaw bħala fjuwils jew mezzi oħra biex tiġi ġġenerata l-enerġija. Dan jinkludi l-preparazzjoni għall-użu mill-ġdid, ir-riċiklaġġ u r-radam mill-ġdid u forom oħra ta' rkupru ta' materjal bħalma huma l-ipproċessar mill-ġdid tal-iskart f'materja prima sekondarja għal finijiet ta' inġinerija fil-kostruzzjoni tat-toroq jew ta' infrastruttura oħra. Skont iċ-ċirkustanzi fattwali speċifiċi, dan l-ipproċessar mill-ġdid jista' jissodisfa d-definizzjoni ta' riċiklaġġ jekk l-użu tal-materjali jkun ibbażat fuq kontroll adegwat tal-kwalità u jkun jissodisfa l-istandards, in-normi, l-ispeċifikazzjonijiet u r-rekwiżiti ta' protezzjoni tas-saħħa u tal-ambjent rilevanti kollha għall-użu speċifiku.

(13) Id-definizzjoni ta' radam mill-ġdid jenħtieġ li tiġi introdotta biex tiċċara li din tfisser kwalunkwe operazzjoni ta' rkupru ta' skart xieraq u mhux perikoluż għal skopijiet ta' reklamazzjoni f'żoni skavati jew għal skopijiet ta' inġinerija fil-pjanifikazzjoni tal-art. L-iskart użat għar-radam mill-ġdid jenħtieġ li jkun limitat għall-ammont meħtieġ strettament biex jintlaħqu dawn l-iskopijiet.

(14) Id-definizzjoni tal-iskema ta' responsabbiltà estiża tal-produttur jenħtieġ li tiġi introdotta biex tiċċara li dan ifisser sett ta' miżuri meħuda mill-Istati Membri li jesiġu li min jipproduċi l-prodotti jġorr ir-responsabbiltà finanzjarja jew dik finanzjarja u organizzattiva għall-immaniġġjar tal-istadju tal-iskart taċ-ċiklu ta' ħajja ta' prodott inklużi l-operazzjonijiet ta' ġbir separat, separazzjoni u trattament. Dak l-obbligu jista' jinkludi wkoll responsabbiltà organizzattiva u responsabilità ta' kontribut għall-prevenzjoni tal-iskart u għar-riutilizzabbiltà u r-riċiklabbiltà tal-prodotti. Il-produtturi ta' prodotti jistgħu jissodisfaw l-obbligi tal-iskema ta' responsabbiltà estiża tal-produttur individwalment jew kollettivament.

(15) Sabiex jikkontribwixxu għall-kisba tal-objettivi stipulati fid-Direttiva, l-Istati Membri jenħtieġ li jagħmlu użu minn strumenti ekonomiċi u miżuri oħra biex jipprovdu inċentivi għall-applikazzjoni tal-ġerarkija tal-iskart bħal dawk indikati fl-Anness IVa, li jinkludu, fost l-oħrajn, il-ħlasijiet għar-rimi f'landfills u għall-inċinerazzjoni, skemi ta' "ħallas skont kemm tarmi", skemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur, l-iffaċilitar tad-donazzjonijiet tal-ikel, u inċentivi għall-awtoritajiet lokali, jew strumenti u miżuri xierqa oħrajn.

(16) Sabiex jiġu promossi l-użu sostenibbli tar-riżorsi u s-simbjożi industrijali, l-Istati Membri jenħtieġ li jieħdu miżuri xierqa biex jiffaċilitaw ir-rikonoxximent bħala prodott sekondarju ta' sustanza jew oġġett li jirriżultaw minn proċess ta' produzzjoni li l-għan ewlieni tiegħu ma jkunx il-produzzjoni ta' dik is-sustanza jew dak il-prodott jekk il-kundizzjonijiet armonizzati stabbiliti fil-livell tal-Unjoni jkunu rispettati. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi kriterji ddettaljati dwar l-applikazzjoni tal-istatus ta' prodott sekondarju, u tipprijoritizza l-prattiki replikabbli ta' simbjożi industrijali.

(17) Sabiex l-operaturi fis-swieq ta' materja prima sekondarja jingħataw iktar ċertezza fir-rigward tal-istatus ta' skart jew mhux skart ta' sustanzi jew oġġetti, u biex jiġu promossi kundizzjonijiet ekwi, huwa importanti li l-Istati Membri jieħdu miżuri xierqa biex jiżguraw li l-iskart li jkun għadda minn operazzjoni ta' rkupru jitqies li m'għadux skart jekk jikkonforma mal-kundizzjonijiet kollha stipulati fl-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2008/98/KE kif emendata minn din id-Direttiva. Tali miżuri jistgħu jinkludu l-adozzjoni ta' leġislazzjoni li tittrasponi dawn il-kondizzjonijiet bl-appoġġ ta' proċeduri għall-implimentazzjoni tagħhom, bħall-istabbiliment ta' kriterji ta' tmiem tal-istatus tal-iskart materjali u speċifiċi għall-applikazzjoni, dokumenti ta' gwida, deċiżjonijiet każ b'każ u proċeduri oħrajn għall-applikazzjoni ad hoc tal-kundizzjonijiet armonizzati stabbiliti fil-livell tal-Unjoni. Tali miżuri jenħtieġ li jinkludu dispożizzjonijiet ta' infurzar biex jiġi vverifikat li l-iskart li jitqies li m'għadux skart b'riżultat ta' operazzjoni ta' rkupru jkun jikkonforma mal-liġi tal-Unjoni dwar l-iskart, is-sustanzi kimiċi u l-prodotti, filwaqt li jiġu prijoritizzati, b'mod partikolari, il-flussi tal-iskart li joħolqu riskju akbar għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent minħabba

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2014/955/UE tat- 18 ta' Diċembru 2014 li temenda d-Deċiżjoni 2000/532/KE dwar il-lista ta' skart skont id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 370, 30.12.2014, p. 44).

n-natura u l-volum ta'dawk il-flussi tal-iskart, l-iskart li jkun soġġett għal proċessi innovattivi ta' rkupru jew l-iskart li jiġi rkuprat għal użu ulterjuri sussegwenti fi Stati Membri oħra. Il-miżuri jistgħu jinkludu wkoll l-istabbiliment tar-rekwiżit fuq l-operaturi li jirkupraw l-iskart jew id-detenturi ta' materjali tal-iskart irkuprat biex juru l-konformità mal-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2008/98/KE kif emendata minn din id-Direttiva. Sabiex ikunu impediti vjeġġi illegali ta' skart u biex tiżdied is-sensibilizzazzjoni fost l-Istati Membri u l-operaturi ekonomiċi, jenħtieġ li jkun hemm aktar trasparenza dwar l-approċċi tal-Istati Membri għat-tmiem tal-istatus tal-iskart, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda d-deċiżjonijiet każ b'każ tagħhom u r-riżultat tal-verifika mill-awtoritajiet kompetenti, kif ukoll it-tħassib speċifiku tal-Istati Membri u l-awtoritajiet kompetenti dwar ċerti flussi tal-iskart. Id-determinazzjoni finali dwar jekk il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 5 jew fl-Artikolu 6 tad-Direttiva 2008/98/KE kif emendati minn din id-Direttiva humiex issodisfati tibqa' r-responsabbiltà esklużiva tal-Istat Membru abbażi tal-informazzjoni rilevanti kollha pprovduta mid-detentur tal-materjal jew l-iskart.

(18) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħat ta' implimentazzjoni sabiex tistabbilixxi kriterji dettaljati dwar l-applikazzjoni tal-istatus ta' tmiem tal-istatus tal-iskart. F'dak il-kuntest, jenħtieġ li jiġu kkunsidrati kriterji speċifiċi ta' tmiem tal-istadju tal-iskart tal-inqas għall-aggregati, il-karti, it-tajers u t-tessuti.

(19) L-applikazzjoni ta' regoli dwar il-prodotti sekondarji u t-tmiem tal-istatus tal-iskart jenħtieġ li tkun mingħajr preġudizzju għal dispożizzjonijiet oħrajn tad-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Artikolu 28 u l-Artikolu 50(4a) u (4b) tar-Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1] dwar vjeġġi ta' skart, il-leġislazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi u l-leġislazzjoni dwar it-tqegħid fis-suq ta' ċerti prodotti. L-istatus ta' tmiem tal-istatus tal-iskart jista' jinkiseb biss jekk is-sustanzi jew l-oġġetti jkunu konformi mar-rekwiżiti rilevanti applikabbli għall-prodotti. Ir-regoli dwar it-tmiem tal-istatus tal-iskart jistgħu jiġu stabbiliti f'leġislazzjoni speċifika skont il-prodott.

(20) L-Istati Membri jenħtieġ li jieħdu miżuri xierqa biex iħeġġu l-iżvilupp, il-produzzjoni, il-kummerċjalizzazzjoni u l-użu ta' prodotti u komponenti ta' prodotti adattati għal użu multiplu, li jkun fihom materjali riċiklati, li jkunu teknikament durabbli u jistgħu jissewwew faċilment u li jkunu, wara li jsiru skart, adattati għall-preparazzjoni għall-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ, sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni xierqa tal-ġerarkija tal-iskart u bla ma jiġi kompromess il-moviment liberu tal-merkanzija fis-suq intern. Dawk il-miżuri jenħtieġ li jqisu l-impatt tal-prodotti tul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom, il-ġerarkija tal-iskart u, fejn xieraq, il-potenzjal ta' riċiklaġġ multiplu.

(21) L-iskemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur huma parti essenzjali mill-immaniġġjar effiċjenti tal-iskart. Madankollu, l-effettività u l-prestazzjoni tagħhom ivarjaw sew fost l-Istati Membri. Jeħtieġ għalhekk li jiġu stipulati rekwiżiti minimi ta' operat għal tali skemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur, u li jiġi ċċarat li dawk ir-rekwiżiti japplikaw ukoll għal skemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur stabbiliti skont atti legislattivi oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari d-Direttivi 2000/53/KE [2], 2006/66/KE [3] u 2012/19/UE [4] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, flimkien mar-rekwiżiti li diġà huma stipulati f'dik il-leġislazzjoni, sakemm ma jkunx iddikjarat espliċitament mod ieħor. Huwa neċessarju li ssir distinzjoni bejn dawk ir-rekwiżiti minimi ġenerali li japplikaw għall-iskemi kollha u dawk li japplikaw biss għal organizzazzjonijiet li jimplimentaw l-obbligi ta' responsabbiltà estiża tal-produtturi ta' prodotti. Sakemm l-Istati Membri ma jiddeċidux mod ieħor, ir-rekwiżiti minimi ġenerali għall-iskemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur ma japplikawx għal skemi li ma jissodisfawx id-definizzjoni ta' skema ta' responsabbiltà estiża tal-produttur.

(22) Jenħtieġ li ir-rekwiżiti minimi ġenerali jnaqqsu l-kostijiet u jtejbu l-prestazzjoni, kif ukoll jiżguraw kundizzjonijiet ekwi, inkluż għal intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u intrapriżi ta' kummerċ elettroniku, u jevitaw ostakli għall-funzjonament bla xkiel tas-suq intern. Jenħtieġ li jikkontribwixxu wkoll għall-inkorporazzjoni tal-kostijiet fi tmiem il-ħajja fil-prezzijiet tal-prodotti u jipprovdu inċentivi għall-produtturi, meta jiddisinjaw il-prodotti tagħhom, biex iqisu aħjar ir-riċiklabbiltà, il-kapaċità ta' użu mill-ġdid, l-kapaċità ta' tiswija u, il-preżenza ta' sustanzi perikolużi. B'mod ġenerali, dawk ir-rekwiżiti jenħtieġ li jtejbu l-governanza u t-trasparenza tal-iskemi ta' responsabbiltà estiża

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 dwar vjeġġi ta' skart (ĠU L 190, 12.7.2006, p. 1).
(2) Id-Direttiva 2000/53/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Settembru 2000 dwar vetturi li m'għadhomx jintużaw (ĠU L 269, 21.10.2000, p. 34).
(3) Id-Direttiva 2006/66/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Settembru 2006 dwar batteriji u akkumulaturi u skart ta' batteriji u ta' akkumulaturi u li tħassar id-Direttiva 91/157/KEE (ĠU L 266, 26.9.2006, p. 1).
(4) Id-Direttiva 2012/19/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku (WEEE) (ĠU L 197, 24.7.2012, p. 38).

tal-produttur u jnaqqsu l-possibbiltà ta' konflitti ta' interess bejn l-organizzazzjonijiet ta' responsabbiltà estiża tal-produttur u l-operaturi tal-iskart li dawk l-organizzazzjonijiet jikkuntrattaw. Ir-rekwiżiti jenħtieġ li japplikaw kemm għall-iskemi l-ġodda kif ukoll għal dawk diġà eżistenti ta' responsabbiltà estiża tal-produttur. Madankollu, ikun hemm bżonn perjodu ta' tranżizzjoni biex l-iskemi eżistenti ta' responsabbiltà estiża tal-produttur jadattaw l-istrutturi u l-proċeduri tagħhom għar-rekwiżiti l-ġodda.

(23) L-awtoritajiet pubbliċi iwettqu rwol importanti fl-organizzazzjoni tal-ġbir u t-trattament tal-iskart muniċipali u l-komunikazzjoni maċ-ċittadini f'dan ir-rigward. Id-dispożizzjonijiet marbuta mar-responsabbiltà finanzjarja tal-produtturi ta' prodotti, li ġew introdotti bħala parti mir-rekwiżiti minimi ġenerali għall-iskemi ta' responsabilità estiża tal-produttur, jenħtieġ li japplikaw mingħajr preġudizzju għall-kompetenza tal-awtoritajiet pubbliċi fir-rigward tal-ġbir u t-trattament tal-iskart muniċipali.

(24) F'każijiet meta l-awtoritajiet pubbliċi jkunu responsabbli għall-organizzazzjoni tal-aspetti operazzjonali tal-immaniġġjar ta' skart minn prodotti li huma soġġetti għal skemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur, dawk is-servizzi jenħtieġ li jiġu pprovduti b'mod kosteffiċjenti u r-responsabbiltà finanzjarja tal-produtturi ta' prodotti jenħtieġ li ma taqbiżx il-kostijiet meħtieġa biex jiġu pprovduti dawk is-servizzi. Tali kostijiet jenħtieġ li jiġu stabbiliti b'mod trasparenti bejn l-atturi kkonċernati, inklużi l-produtturi ta' prodotti, l-organizzazzjonijiet tagħhom u awtoritajiet pubbliċi.

(25) Sabiex jiġi żgurat l-immaniġġjar xieraq tal-iskart, meta l-produtturi ta' prodotti jew l-organizzazzjonijiet li jimplimentaw l-obbligi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur f'isimhom ikunu responsabbli għall-immaniġġjar ta' skart mill-prodotti li jqiegħdu fis-suq, jenħtieġ li jiżguraw il-kontinwità tas-servizzi tal-immaniġġjar tal-iskart tul is-sena kollha, anke jekk il-miri u l-objettivi applikabbli għalihom ikunu ssodisfati. Barra minn hekk, jenħtieġ li huma ma jirrestrinġux dawk is-servizzi f'termini ta' kopertura ġeografika, materjali u tal-prodott għal żoni fejn il-ġbir u l-immaniġġjar tal-iskart huma l-aktar profittabbli.

(26) Il-produtturi tal-prodotti jenħtieġ li jkopru l-kostijiet meħtieġa biex jintlaħqu l-miri tal-immaniġġjar tal-iskart u miri u objettivi oħra, inkluż dwar il-prevenzjoni tal-iskart, definiti għall-iskema ta' responsabbiltà estiża tal-produttur rilevanti. Taħt kundizzjonijiet stretti, dawk il-kostijiet jistgħu jiġu kondiviżi mal-produtturi jew id-distributuri tal-iskart oriġinali meta dan ikun ġustifikat mill-ħtieġa li jiġu żgurati l-immaniġġjar xieraq tal-iskart u l-vijabbiltà ekonomika tal-iskema ta' responsabbiltà estiża tal-produttur.

(27) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tadotta linji gwida dwar il-modulazzjoni tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-produtturi ta' prodotti biex testendi r-responsabbiltà estiża tal-produtturi sabiex tgħin lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva sabiex jiġi ffaċilitat il-funzjonament tas-suq intern. Sabiex tiġi żgurata l-koerenza fis-suq intern, il-Kummissjoni jenħtieġ li tkun tista' tadotta kriterji armonizzati għal dak l-iskop permezz ta' atti ta' implimentazzjoni.

(28) Ir-rappreżentanti awtorizzati stabbiliti biex jissodisfaw l-obbligi ta' responsabbiltà estiża tal-produtturi ta' prodotti jistgħu jkunu soġġetti għal rekwiżiti li jippermettu li l-Istat Membru fejn huma jkunu stabbiliti jimmonitorja u jivverifika l-konformità ma' dawk l-obbligi. Madankollu, dawk ir-rekwiżiti jenħtieġ li ma jmorrux lil hinn mir-rekwiżiti applikabbli għall-produtturi ta' prodotti u l-organizzazzjonijiet li jimplimentaw ir-responsabbiltà estiża tal-produtturi f'isimhom stabbiliti f'dak l-Istat Membru.

(29) Il-prevenzjoni tal-iskart hija l-iktar mod effiċjenti ta' kif tittejjeb l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi, u ta' kif jitnaqqas l-impatt ambjentali tal-iskart. Għaldaqstant, huwa importanti li l-Istati Membri jieħdu miżuri xierqa biex jipprevjenu l-ġenerazzjoni tal-iskart, u biex jimmonitorjaw u jevalwaw il-progress fl-implimentazzjoni ta' tali miżuri. Bħala parti minn dawn il-miżuri, l-Istati Membri jenħtieġ li jiffaċilitaw mudelli ta' produzzjoni, ta' negozju u ta' konsum innovattivi li jnaqqsu l-preżenza ta' sustanzi perikolużi fil-materjali u l-prodotti, li jinkoraġġixxu ż-żieda tat-tul ta' ħajja tal-prodotti u li jippromwovu l-użu mill-ġdid, inkluż permezz tal-istabbiliment u l-appoġġ ta' netwerks ta' użu mill-ġdid u tiswija, bħal dawk immexxija mill-intrapriżi tal-ekonomija soċjali, skemi ta' rifużjoni tad-depożitu u ta' ritorn u mili mill-ġdid, u billi jinċentivaw il-manifattura mill-ġdid, ir-rinnovament u, fejn xieraq, l-għoti ta' skop ġdid lill-prodotti kif ukoll il-pjattaformi ta' kondiviżjoni. Sabiex jiġi żgurat kejl uniformi tal-progress ġenerali fl-implimentazzjoni tal-miżuri ta' prevenzjoni tal-iskart, jenħtieġ li jiġu stabbiliti indikaturi u miri komuni.

(30) Il-promozzjoni tas-sostenibbiltà fil-produzzjoni u fil-konsum tista' tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-prevenzjoni tal-iskart. L-Istati Membri jenħtieġ li jieħdu passi sabiex jaraw li l-konsumaturi jkunu konxji ta' dik il-kontribuzzjoni u jheġġuhom jipparteċipaw b'mod iktar attiv sabiex ikun hemm użu iktar effiċjenti fir-riżorsi. Bħala parti mill-miżuri biex titnaqqas il-ġenerazzjoni tal-iskart, jenħtieġ li l-Istati Membri jinkludu inizjattivi ta' komunikazzjoni u edukazzjoni fuq bażi kontinwa biex ikun hemm sensibilizzazzjoni għall-kwistjonijiet marbuta mal-prevenzjoni tal-iskart u r-rimi taż-żibel u jistgħu jipprevedu l-użu ta' skemi ta' rifużjoni tad-depożitu u l-iffisar ta' miri kwantitattiva, u jekk ikun xieraq, l-għoti ta' inċentivi ekonomiċi adegwati lill-produtturi.

(31) L-Istati Membri jenħtieġ li jieħdu miżuri biex jippromwovu l-prevenzjoni u t-tnaqqis tal-iskart tal-ikel, f'konformità mal-Aġenda tal-2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli, adottat mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) fil-25 ta' Settembru 2015, u b'mod partikulari l-mira tagħha li l-iskart tal-ikel globali per capita jitnaqqas bin-nofs fil-livell tal-bejgħ bl-imnut u f'dak tal-konsumatur u li jonqos it-telf tal-ikel tul il-ktajjen ta' produzzjoni u ta' provvista, inkluż it-telf ta' wara l-ħsad, sas-sena 2030. Dawk il-miżuri jenħtieġ li jimmiraw li jipprevjenu u jnaqqsu l-iskart tal-ikel fil-produzzjoni primarja, fl-ipproċessar u fil-manifattur, fil-bejgħ bl-imnut u f'mezzi oħra ta' distribuzzjoni tal-ikel, fir-restoranti u s-servizzi tal-ikel kif ukoll fl-unitajiet domestiċi. Sabiex jikkontribwixxu u jiżguraw li jinsabu fit-triq għall-kisba tal-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU, l-Istati Membri jenħtieġ li jkollhom l-għan li jilħqu mira indikattiva ta' tnaqqis fil-ħela tal-ikel ta' 30 % fil-livell tal-Unjoni sal-2025 u ta' 50 % sal-2030. Filwaqt li jqisu l-benefiċċji ambjentali, soċjali u ekonomiċi tal-prevenzjoni tal-iskart tal-ikel, l-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu miżuri speċifiċi ta' prevenzjoni tal-iskart tal-ikel, inklużi kampanji ta' sensibilizzazzjoni biex juru kif jista' jiġi evitat l-iskart tal-ikel, fil-programmi tagħhom għall-prevenzjoni tal-iskart. L-Istati Membri jenħtieġ li jkejlu l-progress miksub fit-tnaqqis tal-iskart tal-ikel. Biex jitkejjel dak il-progress u jiġi ffaċilitat l-iskambju ta' prassi tajba madwar l-Unjoni, kemm fost l-Istati Membri u kemm fost l-operaturi kummerċjali tal-ikel, jenħtieġ li tiġi stabbilita metodoloġija komuni għal tali kejl. Abbażi ta' dawn il-metodoloġiji, ir-rappurtar dwar il-livelli tal-iskart tal-ikel jenħtieġ li jsir fuq bażi annwali.

(32) Sabiex jiġi evitat l-iskart tal-ikel, l-Istati Membri jenħtieġ li jipprovdu inċentivi kemm għall-ġbir ta' prodotti tal-ikel mhux mibjugħa fl-istadji kollha tal-katina ta' provvista tal-ikel, kif ukoll għar-ridistribuzzjoni sikura tagħhom, inkluż lill-organizzazzjonijiet tal-karità. Is-sensibilizzazzjoni tal-konsumatur għat-tifsira tal-indikazzjonijiet "uża sa (id-data)" u "l-aħjar qabel (id-data)" jenħtieġ li titjieb sabiex jitnaqqas l-iskart tal-ikel.

(33) L-iskart, sew fil-bliet, fuq l-art, fix-xmajjar u fl-ibħra jew fi kwalunkwe post ieħor, għandu impatti detrimentali diretti u indiretti fuq l-ambjent, fuq il-benessri taċ-ċittadini u fuq l-ekonomija, u l-kostijiet biex jitneħħa jirrappreżentaw piż ekonomiku bla bżonn fuq is-soċjetà. Jenħtieġ li L-Istati Membri jieħdu miżuri bil-għan li jipprevjenu kull forma ta' abbandun, rimi, mmaniġġjar bla kontroll jew forom oħra ta' rimi ta' skart. L-Istati Membri jenħtieġ li jieħdu wkoll miżuri biex jitneħħa l-iskart preżenti fl-ambjent, indipendentement mis-sors jew id-daqs tiegħu u irrispettivament minn jekk ikunx intrema intenzjonalment jew b'negliġenza. Il-miżuri favur il-prevenzjoni u t-tnaqqis tal-iskart minn prodotti li huma s-sorsi ewlenin ta' rimi ta' skart f'ambjenti naturali u tal-baħar jistgħu jinkludu, fost affarijiet oħra, titjib fl-infrastruttura u l-prattiki tal-immaniġġjar tal-iskart, strumenti ekonomiċi u kampanji ta' sensibilizzazzjoni. Meta jkunu qed jikkunsidraw miżura li jkollha effetti restrittivi fuq il-kummerċ fl-Unjoni, l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu kapaċi juru li l-miżura inkwistjoni tkun adegwata sabiex jintlaħaq l-objettiv ta' prevenzjoni u tnaqqis tar-rimi taż-żibel fl-ambjenti naturali u tal-baħar, ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħaq dak l-objettiv u ma tikkostitwixxix mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja jew restrizzjoni moħbija fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri.

(34) Il-ġlieda kontra r-rimi taż-żibel jenħtieġ li tkun sforz kondiviż bejn l-awtoritajiet kompetenti, il-produtturi u l-konsumaturi. Il-konsumaturi jenħtieġ li jiġu inċentivati biex ibiddlu l-imġiba tagħhom inkluż permezz tal-edukazzjoni u s-sensibilizzazzjoni, filwaqt li l-produtturi jenħtieġ li jippromwovu l-użu sostenibbli u jikkontribwixxu għall-immaniġġjar xieraq tat-tmiem tal-ħajja tal-prodotti tagħhom.

(35) Ir-rimi ta' żibel fl-ambjent tal-baħar huwa problema partikolarment urġenti, u l-Istati Membri jenħtieġ li jieħdu miżuri li jkollhom l-għan li jwaqqfu l-ġenerazzjoni tal-iskart fil-baħar, u b'hekk jikkontribwixxu għall-għan tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli, li ġiet adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-NU fil-25 ta' Settembru 2015, li tiġi evitata u titnaqqas b'mod sinifikanti kull xorta ta' tniġġis tal-baħar sal-2025, b'mod partikolari t-tniġġis li jkun ġej minn attivitajiet fuq l-art, kif ukoll l-iskart fil-baħar u t-tniġġis minn nutrijenti. Peress li l-iskart fil-baħar, b'mod partikolari l-iskart tal-plastik, fil-biċċa l-kbira jirriżulta minn attivitajiet fuq l-art u huwa kkawżat prinċipalment minn infrastrutturi u prattiki ħżiena tal-immaniġġjar tal-iskart solidu, rimi ta' żibel miċ-ċittadini u nuqqas ta' sensibilizzazzjoni pubblika, jenħtieġ li jiġu stabbiliti miżuri speċifiċi fil-programmi għall-prevenzjoni tal-iskart u fil-pjanijiet għall-immaniġġjar tal-iskart. Dawn il-miżuri jenħtieġ li jikkontribwixxu għall-għan li jinkiseb "status ambjentali tajjeb" fl-ambjent tal-baħar sal-2020, kif stipulat fid-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u

tal-Kunsill ([1]). F'konformità ma' dik id-Direttiva, l-Istati Membri meħtieġa jistabbilixxu miżuri u strateġiji speċifiċi u jaġġornawhom kull sitt snin. L-Istati Membri meħtieġa wkoll jirrapportaw regolarment, mill-2018, dwar il-progress biex jinżamm jew jinkiseb l-għan ta' status ambjentali tajjeb. Għalhekk, il-miżuri li hemm fid-Direttiva 2008/98/KE biex jiġi indirizzat l-iskart jenħtieġ li jkunu kkoordinati mal-miżuri meħtieġa skont id-Direttiva 2008/56/KE u d-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]).

(36) Ċerti tipi ta' materja prima huma ta' importanza kbira għall-ekonomija tal-Unjoni, u l-provvista tagħhom hija marbuta ma' riskju għoli. Sabiex tkun żgurata s-sigurtà tal-provvista ta' dawk it-tipi ta' materja prima, u f'konformità mal-Inizjattiva tal-Materja Prima stabbilita mill-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni tagħha tal-4 ta' Novembru 2008 dwar "L-inizjattiva tas-swieq tal-materja prima — nilħqu l-ħtiġijiet kritiċi tagħna għat-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi fl-Ewropa" u l-għanijiet u l-miri tas-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni dwar il-Materja Prima, l-Istati Membri jenħtieġ li jieħdu miżuri biex jippromwovu l-użu mill-ġdid tal-prodotti li jikkostitwixxu s-sorsi ewlenin ta' materja prima kritika, sabiex jevitaw li dik il-materja prima ssir skart. F'dak il-kuntest, il-Kummissjoni stabbiliet lista ta' materja bħal din għall-Unjoni fil-Komunikazzjoni tagħha tat-13 ta' Settembru 2017 dwar "il-lista tal-2017 tal-Materja Prima Kritika għall-UE" u dik il-lista hija soġġetta għal rieżami regolari.

(37) Sabiex tiġi appoġġjata l-implimentazzjoni effettiva tal-Inizjattiva tal-Materja Prima, jenħtieġ li l-Istati Membri jieħdu wkoll miżuri biex jiksbu l-aqwa mmaniġġjar possibbli tal-iskart li jkun fih ammonti sinifikanti ta' materja prima kritika, filwaqt li jitqiesu l-fattibbiltà ekonomika u teknoloġika u l-benefiċċji ambjentali u tas-saħħa. Jenħtieġ li jinkludu wkoll fil-pjanijiet tagħhom ta' mmaniġġjar tal-iskart miżuri xierqa fuq livell nazzjonali b'rabta mal-ġbir, is-separazzjoni u l-irkupru tal-iskart li jkun fih ammonti sinifikanti ta' dawk it-tipi ta' materja prima. Il-miżuri jenħtieġ li jiġu inklużi fil-pjanijiet ta' mmaniġġjar tal-iskart meta jiġu aġġornati għall-ewwel darba wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tipprovdi informazzjoni dwar il-gruppi ta' prodotti u l-flussi tal-iskart rilevanti fil-livell tal-Unjoni. Madankollu, il-provvista ta' dik l-informazzjoni ma tipprekludix l-Istati Membri milli jieħdu miżuri għal materja prima oħra meqjusa importanti għall-ekonomija nazzjonali tagħhom.

(38) Meta prodotti, materjali u sustanzi jsiru skart, il-preżenza ta' sustanzi perikolużi tista' twassal biex dan l-iskart ma jkunx tajjeb għar-riċiklaġġ jew il-produzzjoni ta' materja prima sekondarja ta' kwalità għolja. Għalhekk, f'konformità mas-Seba' Programm ta' Azzjoni Ambjentali, li jitlob l-iżvilupp ta' ċikli ta' materjal mhux tossiċi, hemm bżonn li jiġu promossi miżuri biex jitnaqqas il-kontenut ta' sustanzi perikolużi fil-materjali u fil-prodotti, inklużi l-materjali riċiklati, u li jiġi żgurat li tiġi kkomunikata informazzjoni suffiċjenti dwar il-preżenza ta' sustanzi perikolużi u, b'mod speċjali, sustanzi ta' tħassib serju ħafna matul iċ-ċiklu kollu tal-ħajja tal-prodotti u l-materjali. Sabiex jintlaħqu dawk l-objettivi, hemm bżonn li titjieb il-koerenza fost il-liġi tal-Unjoni dwar l-iskart, dwar is-sustanzi kimiċi u dwar il-prodotti u li jiġi previst rwol għall-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi biex tiżgura li l-informazzjoni dwar il-preżenza ta' sustanzi ta' tħassib serju ħafna tkun disponibbli matul iċ-ċiklu kollu tal-ħajja tal-prodotti u l-materjali, inkluż fl-istadju tal-iskart.

(39) It-titjib fl-użu tar-riżorsi jista' jġib iffrankar nett sostanzjali għan-negozji tal-Unjoni, l-awtoritajiet pubbliċi u l-konsumaturi, filwaqt li jnaqqas l-emissjonijiet annwali ta' gassijiet serra. Għal dik ir-raġuni, il-Kummissjoni jenħtieġ li tipproponi, sal-aħħar tal-2018, indikatur ewlieni u tabella ta' valutazzjoni ta' subindikaturi dwar l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi, sabiex jiġi mmonitorjat il-progress lejn il-mira taż-żieda fl-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi fil-livell tal-Unjoni.

(40) It-trawwim ta' bijoekonomija sostenibbli jista' jikkontribwixxi biex l-Unjoni tnaqqas id-dipendenza tagħha fuq il-materja prima importata. Il-prodotti riċiklabbli b'bażi bijoloġika u l-prodotti kompostabbli bijodegradabbli jistgħu għalhekk jirrappreżentaw opportunità biex tiġi stimulata aktar riċerka u innovazzjoni u biex il-materja prima bbażata fuq il-fjuwils fossili tiġi sostitwita b'sorsi rinnovabbli.

(41) Sabiex jiġi evitat trattament tal-iskart li jimblokka r-riżorsi fil-livelli inferjuri tal-ġerarkija tal-iskart, jiżdiedu r-rati ta' preparazzjoni għall-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ, u jingħata lok għal riċiklaġġ ta' kwalità għolja u tingħata spinta f'dak li għandu x'jaqsam mal-użu ta' materja prima sekondarja ta' kwalità, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw konformità akbar mal-obbligu ta' ġbir separat tal-iskart, kif stipulat fl-Artikoli 10(2) u 11(1) tad-Direttiva

([1]) Id-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ambjent marin ((Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina) (ĠU L 164, 25.6.2008, p. 19).

([2]) Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1).

2008/98/KE, inkluż l-obbligu li jistabbilixxu ġbir separat tal-inqas għall-iskart tal-karti, tal-metall, tal-plastik u tal-ħġieġ li l-Istati Membri kellhom jissodisfaw sal-2015, u għandhom jintroduċu l-ġbir separat tal-bijoskart, tal-iskart perikoluż prodott mill-unitajiet domestiċi u tal-iskart tat-tessuti. Fejn xieraq, il-bijoskart perikoluż u l-iskart mill-imballaġġ li jkun fih sustanzi perikolużi jenħtieġ li jkunu suġġetti għal rekwiżiti ta' ġbir speċifiku.

(42) Il-ġbir separat jista' jinkiseb permezz ta' ġbir bieb bieb, permezz ta' sistemi ta' depożitu jew akkoljenza jew permezz ta' arranġamenti oħra ta' ġbir. Filwaqt li l-obbligu tal-ġbir separat tal-iskart jirrikjedi li l-iskart jinżamm separat skont it-tip u n-natura tiegħu, jenħtieġ li jkun possibbli li ċerti tipi ta' skart jinġabru flimkien sakemm dan ma jkunx jimpedixxi li jsir riċiklaġġ ta' kwalità għolja jew irkupru ieħor tal-iskart, f'konformità mal-ġerarkija tal-iskart. Jenħtieġ ukoll li l-Istati Membri jitħallew jiddevjaw mill-obbligu ġenerali tal-ġbir separat tal-iskart f'każijiet debitament ġustifikati oħra, pereżempju meta l-ġbir separat ta' flussi tal-iskart speċifiċi f'żoni remoti u b'popolazzjoni baxxa jikkawża impatti ambjentali negattivi li jegħlbu l-benefiċċji ambjentali ġenerali tiegħu jew ikun jinvolvi kostijiet ekonomiċi sproporzjonati. Meta jevalwaw kwalunkwe każ fejn il-kostijiet ekonomiċi jistgħu jkunu sproporzjonati, l-Istati Membri jenħtieġ li jqisu l-benefiċċji ekonomiċi globali tal-ġbir separat, inkluż f'termini tal-evitar tal-kostijiet diretti u tal-kostijiet tal-impatti ambjentali u tas-saħħa negattivi assoċjati mal-ġbir u t-trattament tal-iskart imħallat, id-dħul mill-bejgħ ta' materja prima sekondarja u l-possibbiltà li jiġu żviluppati swieq għal tali materjali, kif ukoll kontribuzzjonijiet mill-produtturi tal-iskart u l-produtturi tal-prodotti, li jistgħu jkomplu jtejbu l-kosteffiċjenza tas-sistemi tal-immaniġġjar tal-iskart.

(43) Il-miri għall-preparazzjoni għall-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ tal-iskart muniċipali jenħtieġ li jiżdiedu sabiex iġibu magħhom benefiċċji ambjentali, ekonomiċi u soċjali sostanzjali u sabiex jaċċelleraw il-bidla lejn ekonomija ċirkolari.

(44) Permezz ta' żieda progressiva tal-miri eżistenti għat-tħejjija għall-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ tal-iskart muniċipali, jenħtieġ li jiġi żgurat li l-materjali tal-iskart li jkunu ta' siwi ekonomiku jiġu ppreparati għall-użu mill-ġdid jew għar-riċiklaġġ b'mod effettiv, filwaqt li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent, u jenħtieġ li jiġi żgurat ukoll li l-materjali ta' siwi ekonomiku fl-iskart jiddaħħlu mill-ġdid fl-ekonomija Ewropea, biex b'hekk tinġieb 'il quddiem l-Inizjattiva tal-Materja Prima u jiġi xprunat il-ħolqien ta' ekonomija ċirkolari.

(45) Jeżistu differenzi kbar fost l-Istati Membri fejn tidħol il-prestazzjoni tagħhom fl-immaniġġjar tal-iskart, l-aktar tar-riċiklaġġ tal-iskart muniċipali. Sabiex jitqiesu dawk id-differenzi, dawk l-Istati Membri li fl-2013 ħejjew għall-użu mill-ġdid u rriċiklaw inqas minn 20 % tal-iskart muniċipali tagħhom jew irmew f'landfills aktar minn 60 % tal-iskart muniċipali tagħhom skont id-data rrapportata skont il-Kwestjonarju Konġunt tal-OECD u l-Eurostat jenħtieġ li jitħallew jiddeċiedu li jestendu ż-żmien sabiex ikunu f'konformità mal-miri tall-preparazzjoni għall-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ, stabbiliti għall-2025, għall-2030 u għall-2035. Fid-dawl tar-rati medji ta' progress annwali osservati fl-Istati Membri tul l-aħħar 15-il sena, dawk l-Istati Membri jkollhom iżidu l-kapaċità ta' riċiklaġġ tagħhom għal livelli li jinsabu 'l fuq sew mill-medji mgħoddija sabiex jilħqu dawk il-miri. Sabiex jiġi żgurat li jsir progress sod lejn dawk il-miri, kif ukoll li n-nuqqasijiet fl-implimentazzjoni jiġu indirizzati fi żmien xieraq, l-Istati Membri li jagħmlu użu minn żmien addizzjonali jenħtieġ li jilħqu miri interim u abbażi ta' kriterji dettaljati jistabbilixxu pjan ta' implimentazzjoni.

(46) Sabiex tiġi żgurata l-affidabbiltà tad-data, huwa importanti li jiġu stabbiliti b'mod iktar preċiż ir-regoli li skonthom l-Istati Membri jenħtieġ li jirrappurtaw dak li effettivament ġie rriċiklat u mħejji għall-użu mill-ġdid u li jista' jingħadd lejn il-kisba tal-miri. Il-kalkolu tal-miri ta' riċiklaġġ jenħtieġ li jkun ibbażat fuq il-piż tal-iskart muniċipali magħdud bħala riċiklat. Bħala regola ġenerali, il-kejl attwali tal-piż tal-iskart muniċipali rrappurtat bħala riċiklat jenħtieġ li jkun fil-punt fejn l-iskart muniċipali jidħol fl-operazzjoni tar-riċiklaġġ. Madankollu, sabiex jiġu limitati l-piżijiet amministrattivi, l-Istati Membri jenħtieġ li, taħt kundizzjonijiet stretti u permezz ta' deroga mir-regola ġenerali, jitħallew jistabbilixxu l-piż tal-iskart muniċipali rriċiklat abbażi tal-kejl tal-output ta' kwalunkwe operazzjoni ta' separazzjoni It-telf ta' materjali li jseħħ qabel ma l-iskart jidħol fl-operazzjoni ta' riċiklaġġ, pereżempju minħabba s-separazzjoni jew operazzjoni preliminari oħra, jenħtieġ li ma jiġix inkluż fl-ammonti ta' skart irrappurtati bħala riċiklati. Dak it-telf jista' jiġi stabbilit abbażi ta' reġistri elettroniċi, speċifikazzjonijiet tekniċi, regoli dettalji dwar il-kalkolu tar-rati medji tat-telf għal diversi flussi tal-iskart jew miżuri ekwivalenti oħra. Jenħtieġ li l-Istati Membri jirrappurtaw dwar dawn il-miżuri fir-rapporti tal-verifika tal-kwalità li jakkumpanjaw id-data dwar ir-riċiklaġġ tal-iskart li huma jirrappurtaw lill-Kummissjoni. Ir-rati medji ta' telf jenħtieġ li preferibbilment ikunu

stabbiliti fil-livell ta' faċilitajiet ta' separazzjoni individwali u jenħtieġ li jkunu marbuta mat-tipi differenti ewlenin ta' skart, sorsi differenti (bħal domestiċi jew kummerċjali), skemi ta' ġbir differenti u tipi differenti ta' proċessi ta' separazzjoni. Ir-rati medji ta' telf jenħtieġ li jintużaw biss f'każijiet fejn ma tkun disponibbli l-ebda data affidabbli oħra, b'mod partikolari fil-kuntest ta' vjeġġi u esportazzjoni tal-iskart. It-telf fil-piż tal-materjali jew tas-sustanzi minħabba proċessi ta' trasformazzjoni fiżiċi u/jew kimiċi inerenti fl-operazzjoni ta' riċiklaġġ li fiha l-materjal tal-iskart, fil-verità, jiġi pproċessat mill-ġdid fi prodotti, materjali jew sustanzi jenħtieġ li ma jitnaqqasx mill-piż tal-iskart irrappurtat bħala riċiklat.

(47) Minħabba l-allinjament tad-definizzjonijiet li jinsabu fid-Direttiva tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill 94/62/KE ([1]), id-Direttiva 2000/53/KE, id-Direttiva 2006/66/KE, id-Direttiva 2008/98/KE, u d-Direttiva 2012/19/UE, id-dispożizzjoni fl-Artikolu 6 fid-Direttiva 2008/98/KE preżenti dwar il-kunsiderazzjoni ta' skart li ma jibqax skart għall-fini tal-miri tal-irkupru u r-riċiklaġġ stabbiliti f'dawk id-Direttivi ma għadhiex meħtieġa. Il-materjali li ma jibqgħux skart permezz ta' operazzjoni ta' rkupru jew ta' riċiklaġġ jenħtieġ li jingħaddu għall-kisba tal-miri ta' rkupru jew ta' riċiklaġġ rispettivi stabbiliti f'dawk id-Direttivi f'konformità mal-metodi ta' kalkolu applikabbli. Fejn il-materjali tal-iskart ma jibqgħux skart b'riżultat ta' operazzjoni ta' preparazzjoni qabel ma jiġu effettivament ipproċessati mill-ġdid, tali materjali jistgħu jitqiesu bħala skart riċiklat dejjem jekk ikunu maħsuba għal ipproċessar mill-ġdid sussegwenti fi prodotti, materjali jew sustanzi, indipendentement minn jekk ikunux għall-istess skop oriġinali jew għal skopijiet oħra. Il-materjali tat-tmiem tal-istatus tal-iskart li jkunu ser jintużaw bħala fjuwils jew mezzi oħra biex tiġi ġġenerata l-enerġija, li jkunu użati bħala radam jew mormija, jew li ser jintużaw fi kwalunkwe operazzjoni oħra li jkollha l-istess skop ta' rkupru tal-iskart ħlief il-preparazzjoni għall-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ, jenħtieġ li ma jingħaddux fil-kuntest tal-ksib tal-miri tar-riċiklaġġ.

(48) Meta l-kalkolu tar-rata ta' riċiklaġġ jiġi applikat għat-trattament aerobiku jew anaerobiku tal-iskart bijodegradabbli, l-ammont ta' skart li jidħol għat-trattament aerobiku jew anaerobiku jista' jingħadd bħala skart riċiklat kemm-il darba dan it-trattament jiġġenera output li jrid jintuża bħala prodott, materjal jew sustanza riċiklata. Filwaqt li l-output ta' tali trattament ħafna drabi jkun kompost jew diġestat, jista' wkoll jittieħed inkunsiderazzjoni output ieħor dejjem jekk dan ikun fih kwantitajiet komparabbli ta' kontenut riċiklat meta mqabbel mal-ammonti tal-iskart bijodegradabbli trattat. F'każijiet oħra, f'konformità mad-definizzjoni ta' riċiklaġġ, l-ipproċessar mill-ġdid tal-iskart bijodegradabbli f'materjali li jintużaw bħala fjuwils jew mezzi oħra biex tiġi ġġenerata l-enerġija, li jiġu mormija, jew li ser jintużaw fi fi kwalunkwe operazzjoni li jkollha l-istess skop ta' rkupru tal-iskart ħlief il-preparazzjoni għall-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ, jenħtieġ li ma jingħaddux fil-kuntest tal-ksib tal-miri tar-riċiklaġġ.

(49) Għall-finijiet tal-kalkolu ta' jekk humiex se jintlaħqu l-miri ta' preparazzjoni għall-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu kapaċi jqisu r-riċiklaġġ tal-metalli li jiġu separati wara l-inċinerazzjoni tal-iskart muniċipali. Sabiex jiġi żgurat il-kalkolu uniformi ta' din id-data, il-Kummissjoni jenħtieġ li tadotta regoli ddettaljati dwar il-kriterji ta' kwalità għall-metalli riċiklati, u dwar il-kalkolu, il-verifika u r-rappurtar tad-data.

(50) F'każ ta' esportazzjonijiet ta' skart mill-Unjoni għat-tħejjija għall-użu mill-ġdid jew għar-riċiklaġġ, l-Istati Membri jenħtieġ li jagħmlu użu effettiv mis-setgħat ta' spezzjoni previsti fl-Artikolu 50(4c) tar-Regolament (KE) Nru 1013/2006 li jitolbu evidenza dokumentata biex jiġi aċċertat li vjeġġ ikunx maħsub għal operazzjonijiet ta' rkupru li jkunu f'konformità mal-Artikolu 49 ta' dak ir-Regolament u għalhekk jiġu ġestiti b'mod li jirrispetta l-ambjent f'faċilità li topera skont l-istandards tas-saħħa tal-bniedem u tal-protezzjoni ambjentali li huma ekwivalenti b'mod wiesa' għall-istandards stabbiliti fil-leġislazzjoni tal-Unjoni. Fit-twettiq ta' dak il-kompitu, l-Istati Membri jistgħu jikkooperaw ma' atturi rilevanti oħra, bħalma huma l-awtoritajiet kompetenti fil-pajjiż ta' destinazzjoni, il-korpi ta' verifika esterni indipendenti jew l-organizzazzjonijiet li jimplimentaw l-obbligi ta' responsabbiltà tal-produtturi f'isem il-produtturi ta' prodotti stabbiliti skont skemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur, li jistgħu jwettqu verifiki fiżiċi u oħrajn tal-faċilitajiet fil-pajjiżi terzi. Fir-rapport ta' verifika tal-kwalità li jakkumpanja d-data dwar il-kisba tal-miri, l-Istati Membri jenħtieġ li jirrapportaw dwar il-miżuri biex jimplimentaw l-obbligu li jiżguraw li l-iskart esportat mill-Unjoni jiġi ttrattat f'kundizzjonijiet ġeneralment ekwivalenti għal dawk meħtieġa taħt il-liġi ambjentali rilevanti tal-Unjoni.

(51) Sabiex tkun żgurata implimentazzjoni aħjar, aktar fil-ħin u aktar uniformi ta' din id-Direttiva, u sabiex tiġi antiċipata kwalunkwe dgħufija fl-implimentazzjoni, jenħtieġ li titwaqqaf sistema ta' rapporti ta' twissija bikrija sabiex jiġu identifikati n-nuqqasijiet u tkun tista' tittieħed azzjoni qabel l-iskadenzi għall-ilħiq tal–miri.

(52) L-iskart industrijali, ċertu skart kummerċjali u ċertu skart mill-minjieri huma ddiversifikati wisq mil-lat ta' volum u kompożizzjoni, u huma differenti ħafna skont l-istruttura ekonomika tal-Istat Membru, l-istruttura tas-settur industrijali jew kummerċjali li jiġġenera l-iskart, u d-densità industrijali jew kummerċjali f'żona ġeografika partikolari. Għalhekk, għall-parti l-kbira tal-iskart industrijali u tal-minjieri, approċċ orjentat lejn l-industrija u li juża d-dokumenti ta' referenza bl-Aqwa Tekniki Disponibbli (BAT) biex jiġu indirizzati kwistjonijiet speċifiċi relatati mal-immaniġġjar ta' tip partikolari ta' skart ġie kkunsidrat li huwasoluzzjoni xierqa. Madankollu, l-iskart mill-imballaġġ

([1]) Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 94/62/KE tal-20 ta' Diċembru 1994 dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ (ĠU L 365, 31.12.1994, p. 10).

industrijali u kummerċjali se jibqgħu jkopruh ir-rekwiżiti tad-Direttivi 94/62/KE u 2008/98/KE, inkluż it-titjib rispettiv tagħhom. Bil-għan li tesplora aktar il-potenzjal biex tiżdied it-tħejjija għall-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ ta' skart kummerċjali, skart industrijali mhux perikoluż u flussi tal-iskart ewlenin oħrajn, il-Kummissjoni jenħtieġ li tikkunsidra l-istabbiliment ta' miri għal dawk il-flussi tal-iskart.

(53) Bl-għan li jiġi żgurat li l-objettivi tal-liġi tal-Unjoni jibqgħu jiġu ssodisfati, huwa importanti li l-Kummissjoni teżamina mill-ġdid l-operazzjonijiet ta' rimi elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 2008/98/KE. Din ir-reviżjoni jenħtieġ li titwettaq fid-dawl tal-Artikolu 13 ta' dik id-Direttiva filwaqt li jittieħed kont tal-informazzjoni rilevanti, bħal pereżempju l-iżviluppi fil-livell internazzjonali, b'mod partikolari fir-rigward tal-Konvenzjoni ta' Basel tat-22 ta' Marzu 1989 dwar il-kontroll tal-movimenti li jaqsmu l-fruntieri tal-iskart ta' riskju u d-disponiment minnu ([1]).

(54) L-iskart perikoluż li hu prodott mill-unitajiet domestiċi, bħal skart perikoluż minn żebgħa, verniċ, solventi jew prodotti tat-tindif, ukoll jenħtieġ li jinġabru separatament sabiex tiġi evitata l-kontaminazzjoni tal-iskart muniċipali bi frazzjonijiet ta' skart perikoluż li jistgħu jbaxxu l-kwalità tar-riċiklaġġ u biex jiġi żgurat immaniġġjar li jirrispetta l-ambjent fir-rigward ta' dak l-iskart perikoluż. F'dak ir-rigward, l-obbligi speċifiċi għall-ġbir tal-iskart diġà jeżistu għall-iskart ta' tagħmir elettroniku u elettriku u għall-iskart ta' batteriji u ta' akkumulaturi prodotti minn unitajiet domestiċi.

(55) Il-ġbir separat ta' żjut għar-rimi u l-evitar li dawn jitħalltu ma' tipi oħrajn ta' skart jew sustanzi huma essenzjali biex jiġi żgurat li t-trattament tagħhom iwassal għall-aqwa eżitu ambjentali kumplessiv. Fit-trattament taż-żjut għar-rimi, jenħtieġ li tingħata prijorità lir-riġenerazzjoni jew inkella lil operazzjonijiet oħra ta' riċiklaġġ li jagħtu eżiti ambjentali ġenerali ekwivalenti jew aħjar mir-riġenerazzjoni. Bil-ħsieb li jkompli jitjieb l-immaniġġjar taż-żjut għar-rimi, il-Kummissjoni jenħtieġ li tikkunsidra u, jekk ikun xieraq, tipproponi miżuri biex jitjieb it-trattament taż-żjut ta' skart, inklużi miri kwantitattivi b'rabta mar-riġenerazzjoni tagħhom. Matul dak ir-rieżami, jenħtieġ li tingħata attenzjoni lill-għażliet ta' trattament fir-rigward tar-riġenerazzjoni taż-żjut għar-rimi kif ukoll lill-kwalità u l-użu finali tal-prodotti riġenerati u riċiklati.

(56) Sabiex jiġi evitat trattament tal-iskart li jimblokka r-riżorsi fil-livelli inferjuri tal-ġerarkija tal-iskart, u sabiex ikun jista' jsir riċiklaġġ ta' kwalità għolja u jissaħħaħ l-użu ta' materja prima sekondarja ta' kwalità, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-bijoskart jinġabar separatament u jgħaddi minn riċiklaġġ b'mod li jilħaq livell għoli ta' protezzjoni ambjentali u li l-output tiegħu jissodisfa l-istandards ta' kwalità għolja rilevanti.

(57) Din id-Direttiva tistipula għanijiet fit-tul għall-immaniġġjar tal-iskart tal-Unjoni, u tagħti lill-operaturi ekonomiċi u lill-Istati Membri direzzjoni ċara għall-investimenti meħtieġa sabiex jintlaħqu dawk l-għanijiet. Waqt li jiżviluppaw il-pjanijiet nazzjonali tagħhom għall-immaniġġjar tal-iskart u jippjanaw l-investimenti fl-infrastruttura tal-immaniġġjar tal-iskart, jenħtieġ li l-Istati Membri jivvalutaw u jieħdu kont tal-investimenti u tal-mezzi finanzjarji l-oħra meħtieġa, inkluż għall-awtoritajiet lokali. Jenħtieġ li dik il-valutazzjoni tiġi inkluża fil-pjan tal-immaniġġjar tal-iskart jew f'dokumenti strateġiċi oħra. F'dak il-kuntest, l-Istati Membri jenħtieġ li jagħmlu użu tajjeb mill-investimenti, inkluż permezz tal-Fondi tal-Unjoni, billi jipprijoritizzaw il-prevenzjoni, inkluż l-użu mill-ġdid, it-tħejjija għall-użu u r-riċiklaġġ, f'konformità mal-ġerarkija tal-iskart. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tgħin lill-awtoritajiet kompetenti biex jiżviluppaw qafas finanzjarju effettiv, inkluż permezz tal-użu ta' fondi tal-Unjoni fejn xieraq, biex jiġu implimentati r-rekwiżiti ta' din id-Direttiva f'konformità mal-ġerarkija tal-iskart u jiġu appoġġjati l-innovazzjoni fit-teknoloġiji u l-ġestjoni tal-iskart.

(58) L-immaniġġjar xieraq tal-iskart perikoluż għadu problema fl-Unjoni, u d-data dwar it-trattament tiegħu għadha parzjalment nieqsa. Hemm bżonn għalhekk, li jissaħħu l-mekkaniżmi taż-żamma tar-rekords u tat-traċċabbiltà billi jitwaqqfu reġistri elettroniċi għall-iskart perikoluż fl-Istati Membri. Il-ġbir ta' data elettronika jenħtieġ li jitwessa' għal tipi oħra ta' skart, fejn xieraq, sabiex iż-żamma tar-rekords teħfief għan-negozji u għall-amministrazzjonijiet u ħalli jitjieb il-monitoraġġ tal-flussi tal-iskart fl-Unjoni.

(59) Ir-rapporti tal-implimentazzjoni li jħejju l-Istati Membri kull tliet snin urew li mhumiex għodda effettiva biex tkun verifikata l-konformità jew żgurata implimentazzjoni tajba, u dawn qed joħolqu piżijiet amministrattivi żejda. Għaldaqstant, jixraq li jitħassru ċerti dispożizzjonijiet li jobbligaw lill-Istati Membri jipproduċu tali rapporti. Minflok, il-monitoraġġ tal-konformità jenħtieġ li jissejjes esklussivament fuq id-data li l-Istati Membri jirrappurtaw kull sena lill-Kummissjoni.

([1]) ĠU L 39, 16.2.1993, p. 3.

(60) Id-data li jirrappurtaw l-Istati Membri hi essenzjali biex il-Kummissjoni tivvaluta l-konformità mal-liġi tal-Unjoni dwar l-iskart fost l-Istati Membri. Il-kwalità, l-affidabbiltà u l-paragunabbiltà tad-data jenħtieġ li jittejbu billi jiġi introdott punt ta' dħul wieħed għad-data kollha dwar l-iskart, billi jitħassru rekwiżiti ta' rappurtar li m'għadhomx jgħoddu, billi ssir valutazzjoni komparattiva tal-metodoloġiji nazzjonali tar-rappurtar, u billi jiġi introdott rapport ta' verifika tal-kwalità tad-data. Għaldaqstant, jirrappurtaw dwar l-ilħiq tal-miri stipulati fl-atti leġislattivi dwar l-iskart, jenħtieġ li l-Istati Membri jużaw ir-regoli l-aktar riċenti li jkunu żviluppaw il-Kummissjoni u l-metodoloġiji żviluppati mill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali rispettivi, responsabbli għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva.

(61) Biex jiġu ffaċilitati l-interpretazzjoni u l-implimentazzjoni xierqa tar-rekwiżiti stipulati fid-Direttiva 2008/98/KE, huwa xieraq li jiġu żviluppati u perjodikament rieżaminati linji gwida li jikkonċernaw dawk ir-rekwiżiti u jiġu żgurati l-iskambju ta' informazzjoni u l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki fost l-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni prattika u l-infurzar ta' dawk ir-rekwiżiti. Tali linji gwida, skambju ta' informazzjoni u kondiviżjoni tal-aħjar prattiki jenħtieġ li inter alia jiffaċilitaw fehim u applikazzjoni fil-prattika komuni tad-definizzjoni ta' "skart", inkluż it-terminu "rimi" u jenħtieġ li jieħu kont ta' mudelli tan-negozju ċirkolari fejn, pereżempju, sustanza jew oġġett jiġu ttrasferiti minn detentur wieħed lejn ieħor mingħajr l-intenzjoni ta' rimi.

(62) Sabiex id-Direttiva 2008/98/KE tiġi supplimentata jew emendata, jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-Artikoli 7(1), 9(8a), 11a(10), 27(1), 27(4), 38(2) u 38(3) ta' dik id-Direttiva kif emendati b'din id-Direttiva. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, ukoll fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet ([1]). B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

(63) Sabiex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tad-Direttiva 2008/98/KE, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiġi mogħtija s-setgħat ta' implimentazzjoni fir-rigward tal-Artikoli 5(2), 6(2), 8(5), 9(7), 11a(9), 33(2), 35(5) u 37(7) tagħha kif emendati b'din id-Direttiva. Jenħtieġ li dawk is-setgħat jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]).

(64) Minħabba li l-għanijiet ta' din id-Direttiva, jiġifieri li ttejjeb l-immaniġġjar tal-iskart fl-Unjoni, u b'hekk tikkontribwixxi għall-protezzjoni, il-preżervazzjoni u t-titjib tal-kwalità tal-ambjent, tas-saħħa tal-oċeani u tas-sigurtà tal-frott tal-baħar billi jitnaqqas ir-rimi tal-iskart fil-baħar, kif ukoll għall-utilizzazzjoni prudenti u razzjonali tar-riżorsi naturali madwar l-Unjoni, ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, iżda jistgħu minħabba l-iskala u l-effetti tal-miżuri, jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jintlaħqu dawk l-għanijiet.

(65) Jenħtieġ għalhekk li d-Direttiva 2008/98/KE tiġi emendata skont dan.

(66) Skont id-Dikjarazzjoni Politika Konġunta tat-28 ta' Settembru 2011 tal-Istati Membri u l-Kummissjoni dwar dokumenti ta' spjegazzjoni ([3]), l-Istati Membri ntrabtu li, f'każijiet ġustifikati, jakkumpanjaw in-notifika tal-miżuri ta' traspożizzjoni tagħhom b'dokument wieħed jew aktar li jispjegaw ir-relazzjoni bejn il-komponenti ta' direttiva u l-partijiet korrispondenti tal-istrumenti ta' traspożizzjoni nazzjonali. Fir-rigward ta' din id-Direttiva, il-leġislatur iqis li t-trażmissjoni ta' tali dokumenti hija ġġustifikata.

(67) Din id-Direttiva ġiet adottata b'kunsiderazzjoni tal-impenji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016 u jenħtieġ li tiġi implimentata u applikata skont il-gwida li tinsab f'dak l-istess Ftehim,

([1]) ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.
([2]) Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).
([3]) ĠU C 369, 17.12.2011, p. 14.

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

**Emendi**

Id-Direttiva 2008/98/KE hija emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 1*

**Suġġett u kamp ta' applikazzjoni**

Din id-Direttiva tistabbilixxi miżuri għall-protezzjoni tal-ambjent u tas-saħħa tal-bniedem permezz tal-prevenzjoni jew it-tnaqqis tal-ġenerazzjoni tal-iskart, tal-impatti negattivi tal-ġenerazzjoni u l-immaniġġar tal-iskart, u permezz tat-tnaqqis tal-impatti ġenerali tal-użu ta' riżorsi u t-titjib fl-effiċjenza ta' tali użu, li huma kruċjali għat-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari u sabiex tiġi żgurata l-kompetittività fit-tul tal-UE.";

(2) Fl-Artikolu 2(2) jiżdied il-punt li ġej:

"(e) sustanzi li huma destinati għall-użu bħala materjal ta' għalf kif iddefinit fil-punt (g) tal-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 767/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*) u li ma jkunux jikkonsistu minn prodotti sekondarji tal-annimali jew ikun fihom dawn il-prodotti.

---

(*) Ir-Regolament (KE) Nru 767/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' għalf, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 79/373/KEE, id-Direttiva tal-Kummissjoni 80/511/KEE, id-Direttivi tal-Kunsill 82/471/KEE, 83/228/KEE, 93/74/KEE, 93/113/KE u 96/25/KE u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/217/KE (ĠU L 229, 1.9.2009, p. 1).";

(3) L-Artikolu 3 hu emendat kif ġej:

(a) jiddaħħlu l-punti li ġejjin:

"2a. "skart mhux perikoluż" tfisser skart li mhuwiex kopert mill-punt 2;

2b. "skart muniċipali" tfisser:

(a) skart imħallat u skart miġbur b'mod separat mill-unitajiet domestiċi, inklużi karta u kartun, ħġieġ, plastik, bijoskart, injam, tessuti, imballaġġ, skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku, skart ta' batteriji u ta' akkumulaturi u skart goff, inklużi saqqijiet u għamara;

(b) skart imħallat u skart miġbur b'mod separat minn sorsi oħra, meta tali skart ikollu natura u kompożizzjoni simili għall-iskart mill-unitajiet domestiċi;

L-iskart muniċipali ma jinkludix l-iskart mill-produzzjoni, l-agrikoltura, il-forestrija, is-sajd, it-tankijiet settiċi u n-netwerk u t-trattament tad-drenaġġ, inklużi l-ħama tad-drenaġġ, il-vetturi li ma għadhomx jintużaw jew l-iskart tal-kostruzzjoni u d-demolizzjoni.

Din id-definizzjoni hija mingħajr preġudizzju għall-allokazzjoni tar-responsabbiltajiet għall-immaniġġjar tal-iskart bejn l-atturi pubbliċi u dawk privati;

2c. "skart tal-kostruzzjoni u d-demolizzjoni" tfisser l-iskart iġġenerat mill-attivitajiet tal-kostruzzjoni u d-demolizzjoni;";

(b) il-punt 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. "bijoskart" tfisser skart bijodegradabbli mill-ġonna u mill-parks, skart tal-ikel u tal-kċina mill-unitajiet domestiċi, mill-uffiċċji, mir-restoranti, mill-kummerċ bl-ingrossa, mill-kantins, mill-fornituri tal-ikel u mill-ħwienet bl-imnut, u skart paragunabbli minn impjanti ta' pproċessar tal-ikel;";

(c) jiddaħħal il-punt li ġej:

"4a. "skart tal-ikel" tfisser l-ikel kollu kif definit fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*) li jkun sar skart;

---

(*) Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1).";

(d) il-punt 9 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"9. "immaniġġjar tal-iskart" tfisser il-ġbir, it-trasport, l-irkupru £(inkluża s-separazzjoni) u r-rimi ta' skart, inklużi s-superviżjoni ta' tali operazzjonijiet u l-kura ta' wara tas-siti tar-rimi, u inklużi l-azzjonijiet li jittieħdu bħala negozjant jew sensar;";

(e) fil-punt 12, il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) il-kontenut ta' sustanzi perikolużi f'materjali u prodotti;";

(f) jiddaħħal il-punt li ġej:

"15a. "irkupru ta' materjal" tfisser kwalunkwe operazzjoni ta' rkupru, ħlief l-irkupru tal-enerġija u l-ipproċessar mill-ġdid f'materjali li jkunu se jintużaw bħala fjuwils jew mezzi oħra biex tiġi ġġenerata l-enerġija. Dan jinkludi, inter alia, it-tħejjija għall-użu mill-ġdid, ir-riċiklaġġ u r-radam mill-ġdid;";

(g) jiddaħħlu l-punti li ġejjin:

"17a. "radam mill-ġdid" tfisser kwalunkwe operazzjoni ta' rkupru fejn l-iskart mhux perikoluż xieraq jintuża għal skopijiet ta' reklamazzjoni f'żoni skavati jew għal skopijiet ta' inġinerija fil-pjanifikazzjoni tal-art. L-iskart użat għar-radam mill-ġdid irid jissostitwixxi materjali mhux skart, ikun xieraq għall-iskopijiet imsemmija hawn fuq u jkun limitat għall-ammont meħtieġ strettament sabiex jintlaħqu dawk l-iskopijiet;";

(h) jiżdied il-punt li ġej:

"21. "skema ta' responsabbiltà estiża tal-produttur" tfisser sett ta' miżuri meħuda mill-Istati Membri biex jiżguraw li l-produtturi tal-prodotti jġorru r-responsabbiltà finanzjarja jew ir-responsabbiltà finanzjarja u organizzattiva għall-immaniġġjar tal-istatus tal-iskart taċ-ċiklu ta' ħajja ta' prodott.";

(4) Fl-Artikolu 4, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"3. L-Istati Membri għandhom jużaw strumenti ekonomiċi u miżuri oħra biex jipprovdu inċentivi għall-applikazzjoni tal-ġerarkija tal-iskart bħal dawk imsemmija fl-Anness IVa jew strumenti u miżuri oħra xierqa.";

(5) L-Artikolu 5 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, il-parti introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"1. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa biex jiżguraw li sustanza jew oġġett li jirriżultaw minn proċess ta' produzzjoni, li l-għan ewlieni tiegħu mhuwiex il-produzzjoni ta' dik is-sustanza jew dak il-prodott, ma jitqisux bħala skart, iżda prodott sekondarju jekk jintlaħqu l-kundizzjonijiet li ġejjin:";

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni sabiex tistabbilixxi kriterji ddettaljati dwar l-applikazzjoni uniformi tal-kundizzjonijiet stipulati fl-paragrafu 1 għal sustanzi jew oġġetti speċifiċi.

Dawk lil-kriterji ddettaljati għandhom jistabbilixxu livell għoli ta' protezzjoni tal-ambjent u tas-saħħa tal-bniedem u biex jiġi ffaċilitat l-użu prudenti u razzjonali tar-riżorsi naturali.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 39(2). Meta tadotta atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni għandha tieħu bħala punt tat-tluq l-iktar kriterji stretti u ta' protezzjoni ambjentali minn kwalunkwe sett ta' kriterji adottat mill-Istati Membri skont il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu u għandhom jagħtu prijorità lill-prattiki replikabbli ta' simbjożi industrijali fl-iżvilupp tal-kriterji ddettaljati.";

(c) jiżdied il-paragrafu li ġej:

"3. Meta l-kriterji ma jkunux ġew stabbiliti fil-livell tal-Unjoni skont il- paragrafu 2, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu kriterji dettaljati dwar l-applikazzjoni tal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 għal sustanzi jew oġġetti speċifiċi.

L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dawk il-kriterji ddettaljati skont id-Direttiva (UE) 2015/1535/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*), fejn dan ikun meħtieġ minn dik id-Direttiva.

(*) Id-Direttiva (UE) 2015/1535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika (ĠU L 241, 17.9.2015, p. 1).";

(6) L-Artikolu 6 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(i) il-parti introduttorja u l-punt (a) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"1. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa biex jiżguraw li l-iskart li jkun għadda minn riċiklaġġ jew operazzjoni ta' rkupru oħra jitqies li m'għadux skart jekk jikkonforma mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) is-sustanza jew l-oġġett ikunu se jintużaw għal skopijiet speċifiċi;";

(ii) it-tieni subparagrafu huwa mħassar;

(b) il-paragrafi 2, 3 u 4 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"2. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-iżvilupp tal-kriterji nazzjonali għat-tmiem tal-istadju tal-iskart fl-Istati Membri, u tivvaluta l-ħtieġa li jiġu żviluppati kriterji madwar l-Unjoni kollha abbażi ta' dan. Għal dan l-għan, u fejn ikun xieraq, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni sabiex tistabbilixxi kriterji ddettaljati dwar l-applikazzjoni uniformi tal-kundizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 1 għal ċerti tipi ta' skart.

Dawk il-kriterji dettaljati għandhom jiżguraw livell għoli ta' protezzjoni tal-ambjent u tas-saħħa tal-bniedem u jiffaċilitaw l-użu prudenti u razzjonali tar-riżorsi naturali. Huma għandhom jinkludu:

(a) skart awtorizzat biex jintuża bħala input għall-operazzjoni ta' rkupru;

(b) tekniki u proċessi ta' trattament permessi

(c) kriterji ta' kwalità għal materjali tat-tmiem tal-istadju tal-iskart li jirriżultaw mill-operazzjoni ta' rkupru skont l-istandards applikabbli tal-prodotti inklużi l-valuri ta' limitu għas-sustanzi li jniġġsu fejn ikun meħtieġ;

(d) rekwiżiti għal sistema ta' mmaniġġjar biex tintwera l-konformità mal-kriterji tat-tmiem tal-istadju tal-iskart, inkluż għall-kontroll tal-kwalità, l-awtomonitoraġġ u l-akkreditazzjoni, fejn ikun xieraq; u

(e) rekwiżit ta' dikjarazzjoni tal-konformità.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 39(2).

Meta tadotta atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni għandha tqis il-kriterji rilevanti stabbiliti mill-Istati Membri skont il-paragrafu 3 u għandha tieħu bħala punt tat-tluq l-iktar kriterji stretti u ta' protezzjoni ambjentali minn fost dawk il-kriterji.

3. Meta l-kriterji ma jkunux ġew stabbiliti fil-livell tal-Unjoni skont il-proċedura stabbilita fil-paragrafu 2, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu kriterji dettaljati dwar l-applikazzjoni tal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 għal ċerti tipi ta' skart. Dawk il-kriterji dettaljati għandhom iqisu kwalunkwe impatt negattiv fuq l-ambjent u s-saħħa tal-bniedem tas-sustanza jew l-oġġett u għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti stipulati fil-punti (a) sa (e) tal-paragrafu 2.

L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dawk il-kriterji skont id-Direttiva (UE) 2015/1535 fejn meħtieġ minn dik l-istess Direttiva.

4. Meta l-kriterji ma jkunux ġew stabbiliti jew fil-livell tal-Unjoni jew fil-livell nazzjonali skont il-paragrafu 2 jew 3, rispettivament, Stat Membru jista' jiddeċiedi fuq bażi ta' każ b'każ, jew jieħu miżuri xierqa biex jivverifika, li ċertu skart ma baqax skart abbażi tal-kundizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 1 u, fejn ikun hemm bżonn, jirrifletti r-rekwiżiti sitpulati fil-punti (a) sa (e) tal-paragrafu 2, u b'kont meħud tal-valuri ta' limitu għas-sustanzi li jniġġsu, u kwalunkwe impatt negattiv fuq l-ambjent u fuq is-saħħa tal-bniedem. Tali deċiżjonijiet każ b'każ ma għandhomx għalfejn jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni skont id-Direttiva (UE) 2015/1535.

L-Istati Membri jistgħu jagħmlu l-informazzjoni dwar id-deċiżjonijiet każ b'każ u dwar ir-riżultati tal-verifika mill-awtoritajiet kompetenti disponibbli pubblikament b'mezzi elettroniċi.";

(c) jiżdied il-paragrafu li ġej:

"5. Il-persuna fiżika jew legali li

(a) tuża, għall-ewwel darba, materjal li ma jkunx baqa' skart u li ma jkunx tqiegħed fis-suq; jew

(b) tqiegħed materjal fis-suq għall-ewwel darba wara li ma jibqax skart,

għandha tiżgura li l-materjal jissodisfa r-rekwiżiti rilevanti skont il-leġislazzjoni relatata mas-sustanzi kimiċi u l-prodotti applikabbli. Il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 għandhom jiġu ssodisfati qabel ma l-leġislazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi u l-prodotti tapplika għall-materjal li ma baqax skart.";

(7) L-Artikolu 7 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, l-ewwel sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

"1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 38a sabiex tissupplimenta din id-Direttiva billi tistabbilixxi u teżamina mill-ġdid f'konformità mal-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu, lista ta' skart.";

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

'2. Stat Membru jista' jikkunsidra l-iskart bħala skart perikoluż fejn, anki jekk ma jidhirx bħala tali fil-lista ta' skart, juri waħda jew aktar mill-proprjetajiet elenkati fl-Anness III. L-Istat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni b'kull każ bħal dan mingħajr dewmien u jipprovdi lill-Kummissjoni bl-informazzjoni rilevanti kollha. Fid-dawl tan-notifiki rċevuti, il-lista għandha tiġi riveduta sabiex tiddeċiedi dwar l-adattament tagħha.';

(c) il-paragrafu 5 huwa mħassar;

(8) l-Artikolu 8 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, jiżdiedu s-subparagrafi li ġejjin:

"Meta tali miżuri jinkludu l-istabbiliment ta' skemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur, ir-rekwiżiti ġenerali minimi stipulati fl-Artikolu 8a għandhom japplikaw.

L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li l-produtturi ta' prodotti li jieħdu responsabbiltà finanzjarji jew responsabbiltajiet finanzjarji u organizzattivi għall-immaniġġjar tal-istadju tal-iskart taċ-ċiklu ta' ħajja ta' prodott minn jeddhom għandhom japplikaw ir-rekwiżiti minimi ġenerali, kollha jew uħud minnhom, stipulati fl-Artikolu 8a.";

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-Istati Membri jistgħu jieħdu miżuri xierqa biex jinkoraġġixxu d-disinn ta' prodotti u komponenti ta' prodotti b'mod li jitnaqqsu l-impatti ambjentali tagħhom u l-ġenerazzjoni ta' skart matul il-produzzjoni u l-użu sussegwenti tal-prodotti, u sabiex jiżguraw li l-irkupru u r-rimi ta' prodotti li jkunu saru skart iseħħu skont l-Artikoli 4 u 13.

Tali miżuri jistgħu jħeġġu, inter alia, l-iżvilupp, il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti u komponenti ta' prodotti adattati għal użu multiplu, li jkun fihom materjal riċiklat u li teknikament ikunu durabbli u jistgħu jissewwew faċilment, u li meta jsiru skart ikunu adattati għat-tħejjija għall-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ, sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tajba tal-ġerarkija tal-iskart. Il-miżuri għandhom iqisu l-impatt tal-prodotti matul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom, l-ġerarkija tal-iskart u, fejn xieraq, il-potenzjal ta' riċiklaġġ multiplu.";

(c) jiżdied il-paragrafu li ġej:

"5. Il-Kummissjoni għandha torganizza skambju ta' informazzjoni fost l-Istati Membri u l-atturi involuti fl-iskemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur, dwar l-implimentazzjoni prattika tar-rekwiżiti minimi ġenerali stipulati fl-Artikolu 8a. Dan jinkludi, inter alia, l-iskambju ta' informazzjoni dwar l-aħjar prattiki biex jiġu żgurati governanza xierqa, kooperazzjoni transkonfinali dwar skemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur u funzjonament mingħajr xkiel tas-suq intern, dwar il-karatteristiċi organizzattivi u l-monitoraġġ tal-organizzazzjonijiet li jimplimentaw l-obbligi ta' responsabbiltà tal-produtturi f'isem il-produtturi ta' prodotti, dwar il-modulazzjoni tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji, dwar l-għażla tal-operaturi ta' mmaniġġjar tal-iskart u l-prevenzjoni tar-rimi taż-żibel. Il-Kummissjoni għandha tippubblika r-riżultati tal-iskambju ta' informazzjoni u tista' tipprovdi linji gwida dwar dawn l-aspetti u dwar aspetti rilevanti oħrajn.

Il-Kummissjoni għandha tippubblika linji gwida, b'konsultazzjoni mal-Istati Membri, dwar il-kooperazzjoni transkonfinali dwar skemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur u dwar il-modulazzjoni tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 8a(4).

Meta meħtieġ biex tiġi evitata d-distorsjoni tas-suq intern, il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi kriterji bil-ħsieb tal-applikazzjoni uniformi tal-punt (b) tal-Artikolu 8a(4), iżda bl-esklużjoni ta' kwalunkwe determinazzjoni preċiża tal-livell tal-kontribuzzjonijiet. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 39(2).";

(9) jiddaħħal l-artikolu li ġej:

"*Artikolu 8a*

**Rekwiżiti ġenerali minimi għall-iskemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur**

1. Meta l-iskemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur ikunu stabbiliti skont l-Artikolu 8(1), inklużi skont atti leġislattivi oħra tal-Unjoni, l-Istati Membri għandhom:

(a) jiddefinixxu biċ-ċar ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-atturi kollha rilevanti involuti, inklużi, l-produtturi ta' prodotti li jqiegħdu prodotti fis-suq tal-Istat Membru, l-organizzazzjonijiet li jimplimentaw l-obbligu tar-responsabbiltà estiża tal-produttur f'isimhom, l-operaturi privati jew pubbliċi tal-iskart, l-awtoritajiet lokali, u fejn xieraq, l-operaturi ta' użu mill-ġdid u ta' tħejjija għall-użu mill-ġdid u l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali;

(b) f'konformità mal-ġerarkija tal-iskart, jiddefinixxu miri ta' mmaniġġjar tal-iskart, bil-għan li jintlaħqu tal-inqas il-miri kwantitattivi rilevanti għall-iskema ta' responsabbiltà estiża tal-produttur kif stipulati f'din id-Direttiva, fid-Direttiva 94/62/KE, fid-Direttiva 2000/53/KE, fid-Direttiva 2006/66/KE u fid-Direttiva 2012/19/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*), u jistabbilixxu miri kwantitattivi u/jew objettivi kwalitattivi oħra li huma kkunsidrati rilevanti għall-iskema ta' responsabbiltà estiża tal-produttur;

(c) jiżguraw li hemm fis-seħħ sistema ta' rappurtar biex tiġbor data dwar il-prodotti mqiegħda fis-suq tal-Istat Membru mill-produtturi ta' prodotti li huma soġġetti għar-responsabbiltà estiża tal-produttur u data dwar il-ġbir u t-trattament ta' skart li jirriżulta minn dawn il-prodotti, filwaqt li jispeċifikaw, fejn xieraq, il-flussi tal-materjal ta' skart kif ukoll data oħra rilevanti għall-finijiet tal-put (b);

(d) jiżguraw it-trattament ekwu tal-produtturi ta' prodotti irrispettivament mill-oriġini jew id-daqs tagħhom mingħajr ma jitqiegħed piż regolatorju sproporzjonat fuq il-produtturi, inklużi intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, ta' kwantitajiet żgħar ta' prodotti.

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li d-detenturi tal-iskart immirati mill-iskemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur, stabbiliti skont l-Artikolu 8(1), ikunu infurmati, dwar miżuri ta' prevenzjoni tal-iskart, ċentri tal-użu mill-ġdid u ta' tħejjija għall-użu mill-ġdid, sistemi ta' teħid lura u sistemi ta' ġbir tal-iskart u tal-prevenzjoni tar-rimi taż-żibel. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri wkoll biex joħolqu inċentivi biex id-detenturi tal-iskart jassumu r-responsabbiltà tagħhom biex iwasslu l-iskart tagħhom fis-sistemi ta' ġbir separat li jkunu fis-seħħ, speċifikament, fejn ikun xieraq, permezz ta' inċentivi jew regolamenti ekonomiċi.

3. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li kull produttur ta' prodotti jew organizzazzjoni li jimplimentaw l-obbligi tar-responsabbiltà estiża tal-produtturi ta' prodotti:

(a) ikollhom kopertura ddefinita biċ-ċar mil-lat ġeografiku, tal-prodott u tal-materjal mingħajr jillimitaw dawk l-oqsma għal dawk fejn il-ġbir u l-immaniġġjar tal-iskart huma l-iktar profittabbli;

(b) tipprovdi disponibbiltà adegwata ta' sistemi tal-ġbir tal-iskart fiż-żoni msemmija fil-punt a;

(c) ikollhom l-mezzi finanzjarji jew mezzi finanzjarji u organizzattivi meħtieġa biex jaqdu l-obbligi tagħhom ta' responsabbiltà estiża tal-produttur;

(d) jimplimentaw mekkaniżmu xieraq ta' awtokontroll, appoġġjat, fejn relevanti, minn awditjar indipendenti regolari li jivvaluta:

(i) l-immaniġġjar finanzjarju tagħhom, inkluża l-konformità mar-rekwiżiti stipulati fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 4;

(ii) il-kwalità tad-data miġbura u rrappurtata skont il-punt (c) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, u skont ir-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 1013/2006;

(e) jagħmlu disponibbli għall-pubbliku l-informazzjoni dwar il-ksib tal-miri tal-ġestjoni tal-iskart imsemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 1 u, fil-każ ta' twettiq kollettiv tal-obbligi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur, ukoll informazzjoni dwar:

(i) is-sjieda u l-membri tiegħu;

(ii) il-kontributi finanzjarji mħallsa mill-produtturi ta' prodotti għal kull unità mibjugħa jew għal kull tunnellata ta' prodott introdott fis-suq; u

(iii) il-proċedura ta' selezzjoni għall-operaturi tal-immaniġġjar tal-iskart.

4. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-kontributi finanzjarji mħallsa mill-produttur tal-prodott biex jikkonforma mal-obbligi tiegħu ta' responsabbiltà estiża tal-produttur:

(a) ikopru l-kostijiet li ġejjin, għall-prodotti li l-produttur jqiegħed fis-suq fl-Istat Membru kkonċernat:

— il-kostijiet tal-ġbir tal-iskart u t-trasport u t-trattament sussegwenti tiegħu, inkluż it-trattament neċessarju biex jintlaħqu l-miri tal-immaniġġjar tal-iskart tal-Unjoni, u l-kostijiet neċessarji sabiex jintlaħqu miri u għanijiet oħra kif msemmija fil-punt (b) tal- paragrafu 1, filwaqt li jitqies id-dħul mill-użu mill-ġdid, mill-bejgħ ta' materja prima sekondarja mill-prodotti tiegħu u minn imposti relatati mad-depożitu li ma jkunux intalbu;

— il-kostijiet tal-provvista ta' informazzjoni xierqa lid-detenturi tal-iskart, skont il-paragrafu 2;

— il-kostijiet tal-ġbir u r-rappurtar tad-data, skont il-punt (c) tal-paragrafu 1.

Dan il-punt ma japplikax għal skemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur, stabbiliti skont id-Direttiva 2000/53/KE, 2006/66/KE jew 2012/19/UE;

(b) fil-każ li t-twettiq kollettiv tal-obbligi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur, jiġu mmodulati, fejn possibbli, għall-prodotti jew gruppi ta' prodotti simili, speċifikament billi jitqiesu d-durabbiltà, il-kapaċità ta' tiswija, ta' użu mill-ġdid u r-riċiklabbiltà tagħhom, u l-preżenza ta' sustanzi perikolużi, biex b'hekk jittieħed approċċ ibbażat fuq iċ-ċiklu tal-ħajja u allinjat mar-rekwiżiti stabbiliti fil-liġi rilevanti tal-Unjoni, u fejn disponibbli, ibbażat fuq kriterji armonizzati sabiex jiġi żgurat il-funzjonament bla xkiel tas-suq intern; u

(c) ma jaqbżux il-kostijiet li huma meħtieġa biex jipprovdu servizzi ta' immaniġġjar tal-iskart b'mod kosteffiċjenti. Dawn il-kostijiet għandhom jiġu stabbiliti b'mod trasparenti bejn l-atturi kkonċernati;

Fejn ġustifikat mill-ħtieġa li jiġi żgurat immaniġġjar tajjeb tal-iskart u l-vijabbiltà ekonomika tal-iskema ta' responsabbiltà estiża tal-produttur, l-Istati Membri jistgħu jiddevjaw mill-kondiviżjoni tar-responsabbiltà finanzjarja kif stabbilit fil-punt (a), sakemm:

(i) fil-każ ta' skemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur stabbiliti biex jintlaħqu l-miri u l-objettivi tal-immaniġġjar tal-iskart stabbiliti skont l-atti leġislattivi tal-Unjoni, il-produtturi ta' prodotti jkollhom iġarrbu mill-inqas 80 % tal-kostijiet meħtieġa;

(ii) fil-każ ta' skemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur stabbiliti fl-4 ta' Lulju 2018 jew wara din id-data, biex jintlaħqu l-miri u l-objettivi tal-immaniġġjar tal-iskart stabbiliti biss fil-leġislazzjoni ta' Stat Membru, il-produtturi ta' prodotti jkollhom iġarrbu mill-inqas 80 % tal-kostijiet meħtieġa;

(iii) fil-każ ta' skemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur stabbiliti qabel l-4 ta' Lulju 2018, biex jintlaħqu l-miri u l-objettivi tal-immaniġġjar tal-iskart stabbiliti biss fil-leġislazzjoni ta' Stat Membru, il-produtturi ta' prodotti jkollhom iġarrbu mill-inqas 50 % tal-kostijiet meħtieġa,

u sakemm il-kostijiet li jibqgħu jitħallsu minn produtturi jew distributuri oriġinali tal-iskart.

Din id-deroga ma tistax tintuża sabiex jitbaxxa l-proporzjon tal-kostijiet imġarrba mill-produtturi ta' prodotti skont l-iskemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur stabbiliti qabel l-4 ta' Lulju 2018.

5. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu qafas xieraq ta' monitoraġġ u infurzar bil-għan li jiżguraw li l-produtturi ta' prodotti u organizzazzjonijiet jimplimentaw l-obbligi tar-responsabbiltà estiża tal-produttur f'isemhom, jimplementaw l-obbligi tagħhom ta' responsabbiltà estiża tal-produttur, inkluż fil-każ ta' bejgħ mill-bogħod, li l-mezzi finanzjarji qegħdin jintużaw sew u li l-atturi kollha involuti fl-implimentazzjoni tal-iskemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur jirrappurtaw data affidabbli.

Meta, fit-territorju ta' Stat Membru, organizzazzjonijiet multipli jimplimentaw l-obbligi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur f'isem il-produtturi ta' prodotti, l-Istat Membru kkonċernat għandu jaħtar għall-inqas korp wieħed indipendenti minn interessi privati jew jinkariga awtorità pubblika biex tissorvelja l-implimentazzjoni tal-obbligi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur.

Kull Stat Membru għandu jippermetti lill-produtturi ta' prodotti, stabbiliti fi Stat Membru ieħor u li jqiegħdu prodotti fit-territorju tiegħu, jaħtru persuna ġuridika jew fiżika stabbilita fit-territorju tiegħu bħala rappreżentant awtorizzat sabiex jiġu ssodisfati l-obbligi ta' produttur relatati ma' skemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur fit-territorju tiegħu.

Għall-finijiet tal-monitoraġġ u l-verifika tal-konformità mal-obbligi tal-produttur tal-prodott fir-rigward tal-iskema ta' responsabbiltà estiża tal-produttur, l-Istati Membri jistgħu jistipulaw rekwiżiti, bħal pereżempju r-rekwiżiti tar-reġistrazzjoni, tal-informazzjoni u tar-rappurtar, li għandhom jiġu ssodisfati minn persuna fiżika jew ġuridika sabiex tiġi maħtura bħala rappreżentant awtorizzat fit-territorju tagħhom.

6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw djalogu regolari fost il-partijiet ikkonċernati rilevanti involuti fl-implimentazzjoni ta' skemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur, inklużi l-produtturi u d-distributuri, l-operaturi privati jew pubbliċi tal-iskart, l-awtoritajiet lokali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u, fejn xieraq, l-atturi tal-ekonomija soċjali, in-netwerks ta' użu mill-ġdid u ta' tiswija u l-operaturi ta' tħejjija għall-użu mill-ġdid.

7. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri biex jiżguraw li l-iskemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur li jkunu ġew stabbiliti qabel l-4 ta' Lulju 2018, jikkonformaw ma' dan l-Artikolu sal-5 ta' Jannar 2023.

8. L-għoti ta' informazzjoni lill-pubbliku skont dan l-Artikolu għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-preżervazzjoni tal-kunfidenzjalità ta' informazzjoni kummerċjalment sensittiva f'konformità mal-liġi rilevanti tal-Unjoni u nazzjonali.

---

(*) Id-Direttiva 2012/19/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku (WEEE) (ĠU L 197, 24.7.2012, p. 38).";

(10) L-Artikolu 9 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 9*

**Il-prevenzjoni tal-iskart**

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri biex jipprevjenu l-ġenerazzjoni tal-iskart. Dawk il-miżuri għandhom tal-inqas:

(a) jippromwovu u jappoġġjaw mudelli ta' produzzjoni u konsum sostenibbli;

(b) iħeġġu d-disinn, il-manifattura u l-użu ta' prodotti li huma effiċjenti fl-użu tar-riżorsi, durabbli (inkluż f'termini ta' ħajja tal-prodott u n-nuqqas ta' obsolenza ppjanata), riparabbli, riutilizzabbli u aġġornabbli;

(c) jimmiraw prodotti li fihom materja prima kritika, sabiex jevitaw li dik il-materja prima ssir skart;

(d) iħeġġu l-użu mill-ġdid ta' prodotti u l-ħolqien ta' sistemi li jippromwovu attivitajiet ta' tiswija u ta' użu mill-ġdid, inkluż, b'mod partikulari, għat-tagħmir elettriku u elettroniku, għat-tessuti u għall-għamara kif ukoll għall-imballaġġ u l-materjal u l-prodotti tal-kostruzzjoni;

(e) jinkoraġġixxu, kif xieraq u mingħajr preġudizzju għad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali, id-disponibbiltà ta' spare parts, ta' manwali ta' struzzjoni, ta' informazzjoni teknika, jew strumenti, tagħmir jew softwer ieħor li jippermettu t-tiswija u l-użu mill-ġdid ta' prodotti mingħajr ma tiġi kompromessi l-kwalità u s-sigurtà tagħhom;

(f) inaqqsu l-ġenerazzjoni tal-iskart fi proċessi marbutin mal-produzzjoni industrijali, fl-estrazzjoni tal-minerali, fil-manifattura, fil-kostruzzjoni u d-demolizzjoni, filwaqt li jqisu l-aħjar tekniki disponibbli;

(g) inaqqsu l-ġenerazzjoni tal-iskart tal-ikel fil-produzzjoni primarja, fl-ipproċessar u fil-manifatturar, fil-bejgħ bl-imnut u f'mezzi oħra ta' distribuzzjoni tal-ikel, f'restoranti u servizzi tal-ikel kif ukoll fl-unitajiet domestiċi bħala kontribut għall-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti biex titnaqqas b'50 %, il-ħela tal-ikel globali per capita fil-livelli tal-bejgħ bl-imnut u tal-konsumatur u sabiex jitnaqqas it-telf tal-ikel tul il-ktajjen tal-produzzjoni u tal-provvista sal-2030;

(h) jinkoraġġixxu d-donazzjoni tal-ikel u ridistribuzzjoni oħra għall-konsum mill-bniedem, billi tingħata prijorità lill-użu mill-bniedem fuq l-għalf tal-annimali u l-ipproċessar mill-ġdid fi prodotti mhux alimentari;

(i) jippromwovu t-tnaqqis tal-kontenut ta' sustanzi perikolużi f'materjal u prodotti, mingħajr preġudizzju għal rekwiżiti legali armonizzati li jikkonċernaw dawk il-materjali u prodotti stabbiliti fil-livell tal-Unjoni, u jiżguraw li kwalunkwe fornitur ta' oġġett kif definit fil-punt 33 tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*) jipprovdi l-informazzjoni skont l-Artikolu 33(1) ta' dak ir-Regolament lill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi mill-5 ta' Jannar 2021;

(j) inaqqsu l-ġenerazzjoni tal-iskart, b'mod partikolari skart li ma huwiex adatt għat-tħejjija għall-użu mill-ġdid jew ir-riċiklaġġ;

(k) jidentifikaw prodotti li jikkostitwixxu s-sorsi ewlenin ta' skart, partikolarment fl-ambjenti naturali u marini, u jieħdu miżuri xierqa għall-prevenzjoni u t-tnaqqis tal-ġenerazzjoni tal-iskart minn tali prodotti; Meta l-Istati Membri jiddeċiedu li jimplimentaw dan l-obbligu permezz ta' restrizzjonijiet tas-suq, huma għandhom jiżguraw li dawn ir-restrizzjonijiet ikunu proporzjonati u mhux diskriminatorji;

(l) għandhom l-għan li jwaqqfu l-ġenerazzjoni tal-iskart fil-baħar bħala kontribuzzjoni lejn l-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti biex jiġi evitat u jitnaqqas b'mod sinifikanti t-tniġġis tal-baħar ta' kull tip; u

(m) jiżviluppaw u jappoġġjaw kampanji ta' informazzjoni għas-sensibilizzazzjoni dwar il-prevenzjoni tal-iskart u r-rimi taż-żibel.

2. L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi għandha tistabbilixxi u żżomm bażi tad-data għad data li għandha tiġi sottomessa lilha skont il-punt (i) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu sa mhux aktar tard mill-5 ta' Jannar 2020. L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi għandha tipprovdi aċċess għal dik il-bażi tad-data lill-operaturi tat-trattament tal-iskart. L-Aġenzija għandha tipprovdi wkoll aċċess għal dik il-bażi tad-data, fuq talba, lill-konsumaturi.

3. L-Istati Membri għandhom jimmonitorjaw u jivvalutaw l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' prevenzjoni tal-iskart. Għal dan il-għan, għandhom jużaw indikaturi u miri xierqa kwalitattivi u kwantitattivi, speċifikament fuq il-kwantità tal-iskart iġġenerat.

4. L-Istati Membri għandhom jimmonitorjaw u jivvalutaw l-implimentazzjoni tal-miżuri tagħhom dwar użu mill-ġdid bil-kejl tal-użu mill-ġdid fuq il-bażi tal-metodoloġija komuni stabbilita mill-att ta' implimentazzjoni msemmi fil-paragrafu 7, sa mill-ewwel sena kalendarja sħiħa wara l-adozzjoni ta dak l-att ta' implimentazzjoni.

5. L-Istati Membri għandhom jimmonitorjaw u jivvalutaw l-implimentazzjoni tal-miżuri tagħhom ta' prevenzjoni tal-iskart tal-ikel billi jkejlu l-livelli tal-iskart tal-ikel abbażi tal-metodoloġija stabbilita bl-att delegat imsemmi fil-paragrafu 8, sa mill-ewwel sena kalendarja sħiħa wara l-adozzjoni ta' dak l-att delegat.

6. Sal-31 ta' Diċembru 2023, il-Kummissjoni għandha teżamina d-data dwar l-iskart tal-ikel ipprovduta mill-Istati Membri skont l-Artikolu 37(3) bil-ħsieb li tiġi kkunsidrata l-fattibbiltà tal-istabbiliment ta' mira għat-tnaqqis tal-iskart tal-ikel fl-Unjoni kollha li għandha tintlaħaq sal-2030 fuq il-bażi tad-data rrappurtata minn Stati Membri f'konformità mal-metodoloġija komuni stabbilita skont il-paragrafu 8 ta' dan l-Artikolu. Għal dak il-għan, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, akkumpanjat, fejn xieraq, minn proposta leġislattiva,.

7. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi indikaturi li jkejlu l-progress ġenerali fl-implimentazzjoni tal-miżuri ta' prevenzjoni tal-iskart u, sal-31 ta' Marzu 2019, għandha tadotta att ta' implimentazzjoni sabiex tistabbilixxi metodoloġija komuni biex tirrapporta dwar l-użu mill-ġdid ta' prodotti. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 39(2).

8. Sal-31 ta’ Marzu 2019, il-Kummissjoni għandha, u abbażi tal-eżitu tal-ħidma tal-Pjattaforma tal-UE dwar it-Telf u l-Ħela tal-Ikel, tadotta att delegat f’konformità mal-Artikolu 38a biex tissupplimenta din id-Direttiva billi tistabbilixxi metodoloġija komuni u rekwiżiti minimi ta’ kwalità, għall-kejl uniformi tal-livelli tal-iskart tal-ikel.

9. Sal-31 ta’ Diċembru 2024, il-Kummissjoni għandha teżamina data dwar l-użu mill-ġdid ipprovduta mill-Istati Membri skont l-Artikolu 37(2) bil-ħsieb li tiġi kkunsidrata l-fattibbiltà ta’ miżuri li jinkoraġġixxu l-użu mill-ġdid ta’ prodotti, inkluż l-istabbiliment ta’ miri kwantitattivi. Il-Kummissjoni għandha teżamina wkoll il-fattibbiltà li jiġu stabbiliti miżuri oħra għall-prevenzjoni tal-iskart, inklużi miri għat-tnaqqis tal-iskart. Għal dak il-għan, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, akkumpanjat, fejn xieraq, minn proposta leġislattiva.

(*) Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta’ Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta’ sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1).”;

(11) L-Artikolu 10 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“*Artikolu 10*

**Irkupru**

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-skart jgħaddi minn operazzjonijiet ta’ preparazzjoni għal użu mill-ġdid, riċiklaġġ jew irkupru ieħor, skont l-Artikoli 4 u 13.

2. Meta jkun meħtieġ għall-konformità mal-paragrafu 1 u għall-iffaċilitar u t-titjib tal-preparazzjoni għall-użu mill-ġdid, ir-riċiklaġġ u operazzjonijiet ta’ rkupru oħrajn, l-iskart għandu jinġabar separatament u m’għandux jitħallat ma’ skart ieħor jew materjali oħra bi proprjetajiet differenti.

3. L-Istati Membri jistgħu jippermettu derogi mill-paragrafu 2 bil-kondizzjoni li mill-inqas tkun issodisfata waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-ġbir ta’ ċerti tipi ta’ skart flimkien ma jaffettwax il-potenzjal tagħhom li jgħaddu minn preparazzjoni għall-użu mill-ġdid, ir-riċiklaġġ jew operazzjonijiet ta’ rkupru oħrajn f’konformità mal-Artikolu 4 u jirriżulta f’output minn dawk l-operazzjonijiet li jkun ta’ kwalità komparabbli għal dak miksub permezz ta’ ġbir separat;

(b) il-ġbir separat ma jagħtix l-aħjar riżultat ambjentali meta wieħed jikkunsidra l-impatt ambjentali globali tal-immaniġġjar tal-flussi tal-iskart rilevanti;

(c) il-ġbir separat ma jkunx teknikament fattibbli meta wieħed iqis il-prattiki tajbin tal-ġbir tal-iskart;

(d) il-ġbir separat ikun jinvolvi kostijiet ekonomiċi sproporzjonati, meta jitqiesu l-kostijiet tal-impatti ambjentali u tas-saħħa negattivi tal-ġbir u t-trattament tal-iskart imħallat, il-potenzjal għal titjib fl-effiċjenza fil-ġbir u t-trattament tal-iskart, id-dħul minn bejgħ ta’ materja prima sekondarja kif ukoll l-applikazzjoni tal-prinċipju ta’ min iniġġes iħallas u tar-responsabbiltà estiża tal-produttur.

L-Istati Membri għandhom jeżaminaw mill-ġdid regolarment id-derogi skont dan il-paragrafu b’kunsiderazzjoni ta’ prattiki tajbin fi ġbir separat tal-iskart u żviluppi oħra fl-immaniġġjar tal-iskart.

4. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri biex jiżguraw li l-iskart li jkun inġabar separatament għall-preparazzjoni għall-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ skont l-Artikolu 11(1) u l-Artikolu 22 ma jiġix inċinerat bl-eċċezzjoni ta’ skart li jirriżulta mit-trattament sussegwenti tal-iskart li jinġabar separatament li l-inċinerazzjoni tiegħu tagħti l-aħjar eżitu ambjentali skont l-Artikolu 4.

5. Meta jkun meħtieġ għall-konformità mal-paragrafu 1 ta’ dan l-Artikolu u biex ikun faċilitat jew imtejjeb l-irkupru, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa, qabel jew matul l-irkupru, biex jitneħħew sustanzi, taħlitiet u komponenti perikolużi minn skart perikoluż bil-ħsieb li dawn jiġu trattati skont l-Artikoli 4 u 13.

6. Sal-31 ta’ Diċembru 2021, l-Istati Membri għandhom jissottomettu rapport lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni ta’ dan l-Artikolu fir-rigward tal-iskart muniċipali u l-iskart bijoloġiku, inkluż fuq il-kopertura materjali u territorjali ta’ ġbir separat u kwalunkwe deroga skont il-paragrafu 3.”;

(12) L-Artikolu 11 huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Preparazzjoni għall-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ";*

(b) il-paragrafu 1huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri, biex jippromwovu attivitajiet ta' tħejjija għal użu mill-ġdid, speċifikament billi jħeġġu t-twaqqif u jappoġġjaw netwerks ta' preparazzjoni għal użu mill-ġdid u tiswija, u billi jħaffu, fejn kompatibbli mal-immaniġġjar xieraq tal-iskart, l-aċċess tagħhom għal skart miżmum minn skemi jew faċilitajiet ta' ġbir li jista' jiġi ppreparat għal użu mill-ġdid iżda li mhux destinat għat-tħejjija għall-użu mill-ġdid minn dawk l-iskemi jew faċilitajiet, kif ukoll billi jippromwovu l-użu ta' strumenti ekonomiċi, kriterji ta' akkwist pubbliku, miri kwantitattivi, jew miżuri oħra.

L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri biex jippromwovu riċiklaġġ ta' kwalità għolja, u għal dan il-għan, skont l-Artikolu 10(2) u (3), għandhom jistabbilixxu l-ġbir tal-iskart b'mod separat.

Soġġett għall-Artikolu 10(2) u (3), l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu ġbir separat tal-inqas għall-karti, il-metall, il-plastik u l-ħġieġ u, sal-1 ta' Jannar 2025, għat-tessuti.

L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri biex jippromwovu d-demolizzjoni selettiva sabiex jippermettu t-tneħħija u t-trattament sikur ta' sustanzi perikolużi u jiffaċilitaw l-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ ta' kwalità għolja permezz tat-tneħħija selettiva ta' materjali, u biex jiżguraw it-twaqqif ta' sistemi ta' separazzjoni għall-iskart tal-kostruzzjoni u d-demolizzjoni tal-anqas għal: l-injam, il-frazzjonijiet minerali (konkrit, briks, madum u ċeramika, ġebel), il-metall, il-ħġieġ, il-plastik u l-ġibs.";

(c) il-paragrafu 2 huwa emendat kif ġej:

(i) il-parti introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"2. Sabiex ikun hemm konformità mal-objettivi ta' din id-Direttiva, u biex isir progress lejn ekonomija ċirkolari Ewropea b'livell għoli ta' effiċjenza fir-riżorsi, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li jinkisbu l-miri li ġejjin:";

(ii) jiżdiedu l-punti li ġejjin:

"(c) sal-2025, il-preparazzjoni għall-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ tal-iskart muniċipali għandhom jiżdiedu sa minimu ta' 55 % skont il-piż.

(d) sal-2030, il-preparazzjoni għall-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ tal-iskart muniċipali għandhom jiżdiedu sa minimu ta' 60 % skont il-piż;

(e) sal-2035, il-preparazzjoni għall-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ tal-iskart muniċipali għandhom jiżdiedu sa minimu ta' 65 % skont il-piż.";

(d) il-paragrafi 3, 4 u 5 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"3. Stat Membru jista' jipposponi l-iskadenzi biex jintlaħqu l-miri msemmija fil-punti (c), (d) u (e) tal-paragrafu 2 sa' massimu ta' ħames snin bil-kondizzjoni li li dak l-Istat Membru:

(a) ipprepara għall-użu mill-ġdid u rriċikla inqas minn 20 % jew rema f'landfills aktar minn 60 % tal-iskart muniċipali tiegħu fl-2013 kif rappurtat skont il-Kwestjonarju Konġunt tal-OECD u l-Eurostat; u

(b) sa mhux aktar tard minn 24 xahar qabel id-data ta' skadenza rispettiva stabbilita fil-punt (c), (d) jew (e) tal-paragrafu 2, jinnotifika lill-Kummissjoni dwar l-intenzjoni tiegħu li jipposponi l-iskadenza rispettiva u jippreżenta pjan ta' implimentazzjoni skont l-Anness IVb.

4. Fi żmien tliet xhur minn meta tirċievi l-pjan ta' implimentazzjoni ppreżentat skont il-punt (b) tal-paragrafu 3, il-Kummissjoni tista' titlob lil Stat Membru jirrevedi dak il-pjan jekk il-Kummissjoni tqis li l-pjan ma jikkonformax mar-rekwiżiti stipulati fl-Anness IVb. L-Istat Membru kkonċernat għandu jippreżenta pjan rivedut fi żmien tliet xhur minn meta jirċievi t-talba tal-Kummissjoni.

5. F'każ tal-posponiment tal-kisba tal-miri skont il-paragrafu 3, l-Istat Membru kkonċernat għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex iżid it-tħejjija għall-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ tal-iskart muniċipali:

(a) sa minimu ta' 50 % sal-2025 fil-każ ta' posponiment tal-iskadenza għall-kisba tal-mira msemmija fil-punt (c) tal-paragrafu 2;

(b) għal minimu ta' 55 % sal-2030 f'każ ta' posponiment tal-iskadenza għall-kisba tal-mira msemmija fil-punt (d) tal-paragrafu 2;

(c) għal minimu ta' 60 % sal-2035 f'każ ta' posponiment tal-iskadenza għall-kisba tal-mira msemmija fil-punt (e) tal-paragrafu 2.";

(e) jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

"6. Sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2024, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra l-istabbiliment tal-miri ta' preparazzjoni għall-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ ta' skart tal-kostruzzjoni u tad-demolizzjoni u tal-frazzjonijiet speċifiċi għall-materjal tiegħu, skart tat-tessuti, skart kummerċjali, skart industrijali mhux perikoluż u flussi ta' skart oħra, kif ukoll il-preparazzjoni tal-miri għall-użu mill-ġdid għall-iskart muniċipali u tal-miri tar-riċiklaġġ għall-iskart muniċipali. Għal dak il-għan, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, akkumpanjat, fejn xieraq, minn proposta leġislattiva.

7. Sal-31 ta' Diċembru 2028, il-Kummissjoni għandha tirrieżamina l-mira stipulata fil-punt (e) tal-paragrafu 2. Għal dak il-għan, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, akkumpanjat, fejn xieraq, minn proposta leġislattiva.

Il-Kummissjoni għandha tivvaluta teknoloġija ta' koproċessar li tippermetti l-inkorporazzjoni ta' minerali fil-koinċinerazzjoni ta' skart muniċipali. Meta tkun tista' tinstab metodoloġija affidabbli, bħala parti minn dan ir-rieżami, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra jekk dawn il-minerali jistgħux jingħaddu lejn il-miri ta' riċiklaġġ.";

(13) jiddaħħlu l-artikoli li ġejjin:

"*Artikolu 11a*

**Regoli għall-kalkolu tal-ilħiq tal-miri stabbiliti**

1. Għall-finijiet tal-kalkolu ta' jekk intlaħqux il-miri stipulati fil-punti (c), (d) u (e) tal-Artikolu 11(2) u fl-Artikolu 11(3),:

(a) L-Istati Membri għandhom jikkalkulaw il-piż tal-iskart muniċipali ġġenerat u ppreparat għall-użu mill-ġdid jew irriċiklat f'sena kalendarja partikolari;

(b) il-piż tal-iskart muniċipali ppreparat għall-użu mill-ġdid għandu jkun ikkalkolat bħala l-piż tal-prodotti jew tal-komponenti tal-prodotti li saru skart muniċipali u li għaddew minn kull operat meħtieġ ta' verifika, tindif jew tiswija sabiex jiġi permess l-użu mill-ġdid mingħajr iktar separazzjoni jew proċessar preliminari;

(c) il-piż tal-iskart muniċipali riċiklat għandu jiġi kkalkolat bħala l-piż tal-iskart li, wara li għadda minn kull operat meħtieġ ta' verifika, separazzjoni u l-operazzjonijiet preliminari oħrajn li jneħħu l-materjali tal-iskart li m'humiex fil-mira tal-ipproċessar sussegwenti mill-ġdid u li jiġi żgurat riċiklaġġ ta' kwalità għolja, jidħol fl-operazzjoni ta' riċiklaġġ fejn il-materjali tal-iskart huma fil-fatt ipproċessati mill-ġdid fi prodotti, materjali jew sustanzi.

2. Għall-finijiet tal-punt (c) tal-paragrafu 1, il-piż tal-iskart muniċipali riċiklat għandu jitkejjel meta l-iskart jidħol fl-operazzjoni ta' riċiklaġġ.

B'deroga mill-ewwel subparagrafu, il-piż tal-iskart muniċipali riċiklat jista' jitkejjel fl-output ta' kwalunkwe operazzjoni ta' separazzjoni sakemm:

(a) tali output ta' skart huwa sussegwentement riċiklat;

(b) il-piż tal-materjali jew tas-sustanzi li jitneħħew permezz ta' operazzjonijiet ulterjuri qabel l-operazzjoni ta' riċiklaġġ u mhumiex sussegwentement riċiklati mhuwiex inkluż fil-piż tal-iskart irrappurtat bħala riċiklat.

3. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu sistema effettiva ta' kontroll tal-kwalità u ta' traċċabbiltà tal-iskart muniċipali, sabiex jiżguraw li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stipulati fil-punt (c) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu. Biex tiġi żgurata l-affidabbiltà u l-akkuratezza tad-data miġbura dwar l-iskart riċiklat, is-sistema tista' tikkonsisti minn reġistri elettroniċi maħluqin skont l-Artikolu 35(4), speċifikazzjonijiet tekniċi għar-rekwiżiti ta' kwalità tal-iskart separat, jew rati medji ta' telf għall-iskart isseparat għal diversi tipi ta' skart u prattiki ta' mmaniġġjar tal-iskart rispettivament. Ir-rati medji ta' telf għandhom jintużaw biss f'każijiet fejn data affidabbli ma tistax tinkiseb mod ieħor u għandhom jiġu kkalkulati abbażi tar-regoli ta' kalkolu stabbiliti fl-att delegat adottat skont il-paragrafu 10 ta' dan l-Artikolu.

4. Għall-fini tal-kalkolu ta' jekk il-miri stipulati fil-punti (c), (d) u (e) tal-Artikolu 11(2) u fl-Artikolu 11(3) intlaħqux, l-ammont ta' skart muniċipali bijodegradabbli li jsirlu trattament aerobiku jew anaerobiku jista' jingħadd bħala riċiklat meta dak it-trattament jiġġenera kompost, diġestat jew output ieħor bi kwantità simili ta' kontenut riċiklat meta mqabbel mal-input, li għandu jintuża bħala prodott, materjal jew sustanza riċiklati. Meta l-output jintuża fuq l-art, l-Istati Membri jistgħu jgħodduh bħala riċiklat biss jekk dan l-użu jirriżulta f'benefiċċju għall-agrikoltura jew titjib ekoloġiku.

Mill-1 ta' Jannar 2027, l-Istati Membri jistgħu il-bijoskart muniċipali li jidħol għat-trattament aerobiku jew anaerobiku bħala riċiklat biss jekk, f'konformità mal-Artikolu 22, ikun inġabar b'mod separat jew ikun ġie separat fis-sors.

5. Għall-fini tal-kalkolu ta' jekk il-miri stipulati fil-punti (c), (d) u (e) tal-Artikolu 11(2) u fl-Artikolu 11(3) intlaħqux, l-ammont ta' materjali ta' skart li ma baqgħux skart bħala riżultat ta' operazzjoni ta' preparazzjoni qabel ma jiġi pproċessat mill-ġdid jista' jitqies bħala skart riċiklat, sakemm tali materjali jkunu destinati għall-ipproċessar mill-ġdid sussegwenti fi prodotti, materjali jew sustanzi għall-użu oriġinali jew għal skopijiet oħra. Madankollu, materjali tat-tmiem tal-iskart li jintużaw bħala fjuwils jew mezzi oħra biex tiġi ġġenerata l-enerġija, jew biex ikunu inċinerati, jintradmu jew jintremew f'landfills, m' għandhomx jitqiesu fil-kalkolu tal-miri tar-riċiklaġġ.

6. Għall-fini tal-kalkolu ta' jekk il-miri stipulati fil-punti (c), (d) u (e) tal-Artikolu 11(2) u fl-Artikolu 11(3) intlaħqux, l-Istati Membri jistgħu jqisu r-riċiklaġġ tal-metalli separati wara l-inċinerazzjoni tal-iskart muniċipali, dejjem jekk il-materjali riċiklati jilħqu ċerti kriterji ta' kwalità stabbiliti fl-att ta' implimentazzjoni adottat skont il-paragrafu 9 ta' dan l-Artikolu.

7. L-iskart mibgħut lil Stat Membru ieħor għall-finijiet ta' preparazzjoni għall-użu mill-ġdid, ir-riċiklaġġ jew għar-radam mill-ġdid f'dak l-Istat Membru l-ieħor, jista' jingħadd biss lejn l-ilħiq tal-miri stipulati fl-Artikoli 11(2) u (3) mill-Istat Membru fejn l-iskart ikun inġabar.

8. L-iskart esportat mill-Unjoni għall-preparazzjoni għall-użu mill-ġdid jew ir-riċiklaġġ għandu jingħadd lejn l-ilħiq tal-miri stipulati fl-Artikoli 11(2) u (3) ta'din id-Direttiva mill-Istat Membru fejn ikun inġabar biss jekk ikunu ġew issodisfati r-rekwiżiti tal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, u jekk, skont ir-Regolament (KE) Nru 1013/2006, l-esportatur jista' jagħti prova li l-vjeġġ tal-iskart jikkonforma mar-rekwiżiti ta' dak ir-Regolament, u li t-trattament tal-iskart barra mill-Unjoni jkun sar f'kundizzjonijiet ġeneralment ekwivalenti għar-rekwiżiti tal-liġi ambjentali rilevanti tal-Unjoni.

9. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tadotta, sal-31 ta' Marzu 2019, atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu regoli għall-kalkolu, il-verifika u r-rappurtar tad-data, b'mod partikolari fir-rigward ta':

(a) metodoloġija komuni għall-kalkolu tal-piż tal-metalli li jkunu ġew riċiklati bl-inċinerazzjoni skont il-paragrafu 6, inklużi l-kriterji ta' kwalità għall-metalli riċiklati, u

(b) bijoskart separat u riċiklat fis-sors.

Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 39(2).

10. Sal-31 ta' Marzu 2019, il-Kummissjoni għandha,, tadotta att delegat skont l-Artikolu 38a sabiex tissupplimenta din id-Direttiva billi tistabbilixxi regoli għall-kalkolu, il-verifika u r-rappurtar tal-piż tal-materjali jew ta' sustanzi li jitneħħew wara operazzjoni ta' separazzjoni u li ma jkunux sussegwentement riċiklati, fuq il-bażi ta' rati medji ta' telf għal skart separat.

"*Artikolu 11b*

**Rapport ta' twissija bikrija**

1. Bi sħab mal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, il-Kummissjoni għandha tfassal rapporti dwar il-progress lejn l-ilħiq tal-miri stipulati fil-punti (c), (d) u (e) tal-Artikolu 11(2) u fl-Artikolu 11(3), sa mhux aktar tard minn tliet snin qabel kull skadenza stipulata hemm.

2. Ir-rapporti msemmija fil-paragrafu 1 għandu jkun fihom li ġej:

(a) stima dwar l-ilħiq tal-miri minn kull Stat Membru;

(b) lista tal-Istati Membri bir-riskju li ma jiksbux il-miri fl-iskadenzi rispettivi, akkumpanjata minn rakkomandazzjonijiet xierqa għall-Istati Membri kkonċernati;

(c) eżempji tal-aħjar prattiki li jintużaw fl-Unjoni kollha li jistgħu jipprovdu gwida għall-ipproċessar lejn l-ilħuq tal-miri stipulati.";

(14) L-Artikolu 12 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 12*

**Rimi**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta ma jsirx l-irkupru skont l-Artikolu 10(1), l-iskart jgħaddi mill-operazzjonijiet ta' rimi li jissodisfaw id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 13 dwar il-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u l-protezzjoni tal-ambjent.

2. Sal-31 ta' Diċembru 2024, il-Kummissjoni għandha twettaq valutazzjoni tal-operazzjonijiet ta' rimi elenkati fl-Anness I, b'mod partikolari fid-dawl tal-Artikolu 13 u għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, akkumpanjat, fejn xieraq, minn proposta leġislattiva bil-għan li jiġu rregolati l-operazzjonijiet ta' rimi, inkluż permezz ta' restrizzjonijiet possibbli, u li tiġi kkunsidrata mira ta' tnaqqis tar-rimi, biex jiġi żgurat immaniġġjar tal-iskart li jkun ambjentalment korrett.";

(15) l-Artikolu 14 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 14*

**Kostijiet**

1. Skont il-prinċipju ta' min iniġġes iħallas, il-kostijiet tal-immaniġġjar tal-iskart, inkluż għall-infrastruttura neċessarja u l-operat tagħha, għandhom jinġarru mill-produttur oriġinali tal-iskart jew mid-detenturi attwali jew preċedenti tal-iskart.

2. Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 8 u 8a, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li l-kostijiet tal-immaniġġjar tal-iskart għandhom jinġarru parzjalment jew b'mod sħiħ mill-produttur tal-prodott li minnu jkun ġie l-iskart u li d-distributuri ta' tali prodott jistgħu jikkondividu dawn il-kostijiet.";

(16) fl-Artikolu 18, il-paragrafu (3) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Meta skart perikoluż ikun ġie mħallat b'mod illegali bi ksur ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri għandhom jiżguraw, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 36, li ssir separazzjoni fejn ikun teknikament fattibbli u neċessarju sabiex jiġi osservat l-Artikolu 13.

Meta s-separazzjoni ma tkunx meħtieġa skont l-ewwel subparagrafu ta'dan il-paragrafu, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-iskart imħallat huwa ttrattat f'faċilità li tkun kisbet permess skont l-Artikolu 23 sabiex titratta taħlita bħal din.";

(17) l-Artikolu 20 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 20*

**Skart perikoluż prodott mill-unitajiet domestiċi**

"1. Sal-1 ta' Jannar 2025, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-ġbir separat tal-frazzjonijiet differenti tal-iskart perikoluż prodott mid-djar sabiex jiżguraw li jkunu trattati skont l-Artikoli 4 u 13 u ma jikkontaminawx flussi oħra ta' skart muniċipali.

2. L-Artikoli 17, 18, 19, u 35 m'għandhomx japplikaw għal skart imħallat prodott mill-unitajiet domestiċi.

3. L-Artikoli 19 u 35 m'għandhomx japplikaw għal frazzjonijiet separati ta' skart perikoluż prodott mill-unitajiet domestiċi qabel ma dawn jiġu aċċettati għall-ġbir, ir-rimi jew l-irkupru minn stabbiliment jew intrapriża li jkunu kisbu permess jew li jkunu ġew irreġistrati skont l-Artikolu 23 jew 26.

4. Sal-5 ta' Jannar 2020, il-Kummissjoni għandha tfassal linji gwida biex tgħin u tiffaċilita lill-Istati Membri fil-ġbir separat tal-frazzjonijiet differenti tal-iskart perikoluż prodott mill-unitajiet domestiċi.";

(18) l-Artikolu 21 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, il-punti (a), (b) u (c) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(a) iż-żjut għar-rimi jinġabru separatament, sakemm il-ġbir separat ma jkunx teknikament fattibbli, b'kunsiderazzjoni tal-prattiki tajba;

(b) iż-żjut għar-rimi jiġu ttrattati, billi tingħata prijorità lir-riġenerazzjoni jew inkella lil operazzjonijiet oħra ta' riċiklaġġ li jwasslu għal riżultat ambjentali ġenerali ekwivalenti jew aħjar minn riġenerazzjoni, skont l-Artikoli 4 u 13;

(c) iż-żjut għar-rimi b'karatteristiċi differenti ma jitħalltux u ż-żjut ta' skart ma jitħalltux ma' tipi oħra ta' skart jew sustanzi, jekk tali taħlit ma tħallix ir-riġenerazzjoni tagħhom jew operazzjoni oħra ta' riċiklaġġ li tagħti riżultat ambjentali ġenerali ekwivalenti jew aħjar minn riġenerazzjoni.";

(b) jiżdied il-paragrafu li ġej:

"4. Sal-31 ta' Diċembru 2022, il-Kummissjoni għandha teżamina d-data dwar iż-żjut għar-rimi mogħtija mill-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 37(4) bil-ħsieb li tiġi kkunsidrata l-fattibbiltà tal-adozzjoni ta' miżuri għat-trattament ta' żjut għar-rimi, inklużi miri kwantitattivi fuq ir-riġenerazzjoni taż-żjut għar-rimi u kwalunkwe miżura ulterjuri biex tiġi promossa r-riġenerazzjoni taż-żjut ta' skart. Għal dak il-għan, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, akkumpanjat, fejn xieraq, minn proposta leġislattiva.";

(19) l-Artikolu 22 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 22*

**Bijoskart**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li sal-31 ta' Diċembru 2023, u suġġett għall-Artikolu 10(2) u (3), il-bijoskart jiġi separat jew rriċiklat fis-sors, jew jinġabar separatament u ma jitħallatx ma' tipi oħra ta' skart.

L-Istati Membri jistgħu jippermettu li l-iskart b'karatteristiċi simili ta' bijodegradibbiltà u ta' kompostabbiltà li huwa konformi mal-istandards Ewropej rilevanti jew kwalunkwe standard nazzjonali ekwivalenti, għall-imballaġġ irkuprabbli permezz ta' kkompostjar u bijodegradazzjoni, jinġabar flimkien mal-bijoskart.

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri, kif ikun xieraq, skont l-Artikoli 4 u 13, biex:

(a) iħeġġu r-riċiklaġġ, inkluż l-ikkompostjar, u d-diġestjoni tal-bijoskart b'mod li jissodisfa livell għoli ta' protezzjoni ambjentali u jirriżulta f'output li jissodisfa l-istandards rilevanti ta' kwalità għolja;

(b) jinkoraġġixxu l-ikkompostjar fid-dar; u

(c) jippromwovu l-użu ta' materjali, prodotti mill-bijoskart.

3. Sal-31 ta' Diċembru 2018, il-Kummissjoni għandha titlob lill-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni biex jiżviluppaw standards Ewropej għall-bijoskart li jidħol fil-proċessi tar-riċiklaġġ organiku, għall-kompost u għad-diġestat, abbażi tal-aħjar prattiki disponibbli.";

(20) l-Artikolu 27 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 38a, sabiex tissupplimenta din id-Direttiva billi tistabbilixxi standards tekniċi minimi għal attivitajiet ta' trattament, inkluż għas-separazzjoni u r-riċiklaġġ tal-iskart, li jeħtieġu permess skont l-Artikolu 23 meta jkun hemm evidenza li dawn l-istandards minimi huma ta' ġid mil-lat ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent.";

(b) il-paragrafu (4) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 38a sabiex tissupplimenta din id-Direttiva billi tistabbilixxi standards minimi għal attivitajiet li jeħtieġu reġistrazzjoni skont l-Artikolu 26(a) u (b) meta jkun hemm evidenza li dawn l-istandards minimi huma ta' ġid mil-lat ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent jew għax jevitaw xkiel fis-suq intern.";

(21) l-Artikolu 28 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 3 huwa emendat kif ġej:

(i) il-punti (b) u (c) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(b) skemi għall-ġbir tal-iskart u impjanti ewlenin għar-rimi u l-irkupru, inklużi xi arranġament speċjali għal żjut għar-rimi, l-iskart perikoluż, l-iskart b'ammonti sinjifikanti ta' materja prima kritika, jew flussi ta' skart indirizzati b'leġislazzjoni speċifika tal-Unjoni;

"(c) valutazzjoni tal-ħtieġa li jingħalqu l-impjanti eżistenti tal-iskart, u l-ħtieġa ta' infrastruttura ta' impjanti għall-iskart addizzjonali skont l-Artikolu 16.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li valutazzjoni tal-investimenti u ta' mezzi finanzjarji oħrajn, inklużi għall-awtoritajiet lokali, meħtieġa biex jiġu sodisfati dawk il-ħtiġijiet tkun twettqet. Din il-valutazzjoni għandha tiġi inkluża fil-pjanijiet tal-immaniġġjar tal-iskart jew f'dokumenti strateġiċi oħra li jkopru t-territorju kollu tal-Istat Membru kkonċernat.";

(ii) jiddaħħlu l-punti li ġejjin:

"(ca) informazzjoni dwar il-miżuri biex jinkisbu l-objettivi stipulati fl-Artikolu 5(3a) tad-Direttiva 1999/31/KE jew f'dokumenti strateġiċi oħra li jkopru t-territorju kollu tal-Istat Membru kkonċernat;

(cb) valutazzjoni ta' skemi eżistenti għall-ġbir tal-iskart, inkluż il-kopertura materjali u territorjali ta' ġbir separat u miżuri sabiex jittejjeb l-operat tiegħu, ta' kwalunkwe deroga mogħtija f'konformità mal-Artikolu 10(3), u tal-ħtieġa għal skemi ġodda ta' ġbir;";

(iii) jiżdiedu l-punti li ġejjin:

"(f) miżuri biex tiġi miġġielda u evitata kull forma ta' rimi taż-żibel, u biex jitnaddaf kull tip ta' żibel mormi;

(g) indikaturi u miri kwalitattivi u kwantitattivi xierqa, inkluż fuq il-kwantità ta' skart iġġenerat u t-trattament tiegħu u fuq l-iskart muniċipali li jintrema jew li huwa soġġett għall-irkupru tal-enerġija.";

(b) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. Il-pjanijiet għall-immaniġġar tal-iskart għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-ippjanar tal-iskart stipulati fl-Artikolu 14 tad-Direttiva 94/62/KE, mal-miri stipulati fl-Artikolu 11(2) u (3) ta' din id-Direttiva u mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 1999/31/KE, u għall-finijiet ta' prevenzjoni ta' rimi ta' skart, mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 13 tad-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*) u l-Artikolu 11 tad-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (**).

(*) Id-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 li tistabbilixxi Qafas għal Azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-Politika tal-Ambjent Marin (Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina) (ĠU L 164, 25.6.2008, p. 19).

(**) Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1).";

(22) l-Artikolu 29 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu programmi ta' prevenzjoni tal-iskart li jistipulaw għall-inqas miżuri ta' prevenzjoni tal-iskart kif previst fl-Artikolu 9(1) skont l-Artikoli 1 u 4.

Programmi bħal dawn għandhom jiġu integrati fil-pjanijiet għall-immaniġġjar tal-iskart meħtieġa skont l-Artikolu 28, jew fi programmi oħra ta' politika ambjentali, kif xieraq, jew għandhom jiffunzjonaw bħala programmi separati. Jekk kwalunkwe tali programm ikun integrat fil-pjan għall-immaniġġjar tal-iskart jew f'dak il-programmi l-oħra, il-miżuri u l-objettivi ta' prevenzjoni tal-iskart għandhom ikunu identifikati b'mod ċar.";

(b) fil-paragrafu 2, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Meta jiġu stabbiliti programmi bħal dawn, l-Istati Membri għandhom, fejn rilevanti, jiddeskrivu l-kontribut tal-istrumenti u l-miżuri elenkati fl-Anness IVa għall-prevenzjoni tal-iskart u għandhom jevalwaw l-utilità tal-eżempji tal-miżuri indikati fl-Anness IV jew miżuri xierqa oħra. Il-programmi għandhom jiddeskrivu wkoll il-miżuri ta' prevenzjoni tal-iskart eżistenti u l-kontribut tagħhom għall-prevenzjoni tal-iskart.";

(c) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"2a. L-Istati Membri għandhom jadottaw programmi speċifiċi relatati mal-prevenzjoni tal-iskart tal-ikel fi ħdan il-programmi tagħhom relatati mal-prevenzjoni tal-iskart.";

(d) il-paragrafi 3 u 4 jitħassru;

(23) fl-Artikolu 30, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent għandha tippubblika, kull sentejn, rapport li jkun fih rieżami tal-progress li jkun sar fit-tkomplija u fl-implimentazzjoni ta' programmi ta' prevenzjoni tal-iskart, inkluża evalwazzjoni tal-evoluzzjoni fir-rigward tal-prevenzjoni tal-prevenzjoni tal-iskart għal kull Stat Membru u għall-Unjoni kollha kemm hi, u fir-rigward tad-diżakkoppjament tal-ġenerazzjoni tal-iskart mit-tkabbir ekonomiku u t-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari.";

(24) fl-Artikolu 33, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi l-format għan-notifika tal-informazzjoni dwar l-adozzjoni u r-reviżjonijiet sostanzjali tal-pjanijiet tal-immaniġġjar tal-iskart u l-programmi. ta' prevenzjoni tal-iskart. Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 39(2).";

(25) l-Artikolu 35 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-istabbilimenti u l-intrapriżi msemmija fl-Artikolu 23(1), il-produtturi tal-iskart perikoluż, u l-istabbilimenti u l-intrapriżi li jiġbru jew iġorru l-iskart perikoluż fuq bażi professjonali, jew jaġixxu bħala negozjanti jew sensara ta' skart perikoluż, għandhom iżommu reġistru kronoloġiku:

(a) tal-kwantità, in-natura u l-oriġini tal-iskart, u l-kwantità ta' prodotti u materjali li jirriżultaw minn preparazzjoni għall-użu mill-ġdid, mir-riċiklaġġ jew minn operazzjonijiet oħra ta' rkupru; u

(b) fejn rilevanti, id-destinazzjoni, il-frekwenza tal-ġbir, il-mod tat-trasport u l-metodu tat-trattament mistenni fir-rigward tal-iskart.

Għandhom jippubblikaw dik id-data għall-awtoritajiet kompetenti permezz tar-reġistru/i elettroniku/iċi li għandhom jiġi stabbiliti skont il-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu.";

(b) jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

"4. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu reġistru elettroniku jew reġistri kkoordinati biex jirreġistraw data dwar l-iskart perikoluż imsemmi fil-paragrafu 1, li jkopru t-territorju ġeografiku kollu tal-Istat Membru kkonċernat. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu tali reġistri għal flussi oħra ta' skart, b'mod partikulari għal dawk il-flussi ta' skart li għalihom hemm miri stipulati fl-atti leġislattivi tal-Unjoni. L-Istati Membri għandhom jużaw id-data dwar l-iskart li jirrappurtaw l-operaturi industrijali skont ir-Reġistru Ewropew dwar ir-Rilaxx u t-Trasferiment ta' Inkwinanti stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 166/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*).

5. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu kundizzjonijiet minimi għat-tħaddim ta' dawn ir-reġistri. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 39(2).

(*) Ir-Regolament (KE) Nru 166/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Jannar 2006 dwar il-ħolqien ta' Reġistru Ewropew dwar ir-Rilaxx u t-Trasferiment ta' Inkwinanti u li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 91/689/KEE u 96/61/KE (ĠU L 33, 4.2.2006, p. 1).";

(26) fl-Artikolu 36, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jipprojbixxu l-abbandun, ir-rimi jew l-immaniġġjar bla kontroll tal-iskart, inkluż ir-rimi taż-żibel.";

(27) l-Artikolu 37 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 37*

**Ir-rappurtar**

1. L-Istati Membri għandhom jirrappurtaw lill-Kummissjoni, għal kull sena kalendarja, id-data dwar l-implimentazzjoni tal-punti (a) sa (e) tal-Artikolu 11(2) u l-Artikolu 11(3).

Għandhom jirrappurtaw id-data b'mod elettroniku sa 18-il xahar minn tmiem is-sena ta' rappurtar li għaliha tkun inġabret id-data. Id-data għandha tiġi rrappurtata fil-format stabbilit mill-Kummissjoni skont il-paragrafu 7 ta' dan l-Artikolu.

L-ewwel perjodu ta' rappurtar għandu jibda fl-ewwel sena kalendarja sħiħa wara l-adozzjoni tal-att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-format għar-rappurtar, skont il-paragrafu 7 ta' dan l- Artikolu.

2. Għall-finijiet ta' verifika tal-konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 11(2), l-Istati Membri għandhom jirrapportaw l-ammont ta' skart użat għall-operazzjonijiet tar-radam mill-ġdid u operazzjonijiet oħra ta' rkupru ta' materjal, b'mod separat mill-ammont ta' skart imħejji għall-użu mill-ġdid jew riċiklat. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw l-ipproċessar mill-ġdid tal-iskart f'materjal li għandu jintuża għall-operazzjonijiet tar-radam mill-ġdid bħala radam mill-ġdid.

Għall-finijiet ta' verifika ta' konformità mal-punti (c), (d) u (e) tal-Artikolu 11(2) u l-Artikolu 11(3), l-Istati Membri għandhom jirrapportaw l-ammont ta' skart ippreparat għall-użu mill-ġdid b'mod separat mill-ammont ta' skart riċiklat.

3. L-Istati Membri għandhom jirrappurtaw id-data dwar l-implimentazzjoni tal-Artikolu 9(4) u (5) lill-Kummissjoni kull sena.

Għandhom jirrappurtaw din id-data b'mod elettroniku sa 18-il xahar minn tmiem is-sena ta' rappurtar li għaliha tkun inġabret id-data. Id-data trid tiġi rrappurtata fil-format stabbilit mill-Kummissjoni skont il-paragrafu 7 ta' dan l-Artikolu.

L-ewwel perjodu ta' rappurtar għandu jibda fl-ewwel sena kalendarja sħiħa wara l-adozzjoni tal-att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-format għar-rappurtar, skont il-paragrafu 7 ta' dan l-Artikolu.

4. L-Istati Membri għandhom jirrappurtaw lill-Kummissjoni, id-data dwar lubrikazzjoni minerali jew sintetika jew żjut industrijali li jiġu introdotti fis-suq u ż-żjut għar-rimi miġbura u trattati separatament għal kull sena kalendarja.

Huma għandhom jirrappurtaw id-data b'mod elettroniku sa 18-il xahar minn tmiem is-sena ta' rappurtar li għaliha tkun inġabret id-data. Id-data trid tiġi rrappurtata fil-format stabbilit mill-Kummissjoni skont il-paragrafu 7.

L-ewwel perjodu ta' rappurtar għandu jibda fl-ewwel sena kalendarja sħiħa wara l-adozzjoni tal-att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-format għar-rappurtar, skont il-paragrafu 7.

5. Id-data rrappurtata mill-Istat Membru skont dan l-Artikolu għandha tkun akkumpanjata minn rapport ta' verifika tal-kwalità, kif ukoll minn rapport dwar il-miżuri meħudin skont l-Artikolu 11a(4) u (7), inkluża informazzjoni dettaljata dwar ir-rati medji ta' telf meta applikabbli. Din id-data trid tiġi rrappurtata fil-format għar-rappurtar stabbilit mill-Kummissjoni skont il-paragrafu 7 ta' dan l-Artikolu.

6. Il-Kummissjoni għandha tirrieżamina d-data rappurtata skont dan l-Artikolu, u tippubblika rapport dwar ir-riżultat tar-rieżami tagħha. Ir-rapport għandu jevalwa l-organizzazzjoni tal-ġbir tad-data, is-sorsi tad-data u l-metodoloġija użata fl-Istati Membri, kif ukoll il-kompletezza, l-affidabbiltà, il-puntwalità u l-konsistenza ta' dik id-data. Il-valutazzjoni tista' tinkludi rakkomandazzjonijiet speċifiċi għat-titjib. Ir-rapport għandu jitfassal wara l-ewwel rappurtar tad-data mill-Istati Membri u kull erba' snin wara dan.

7. Sal-31 ta' Marzu 2019, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-format għar-rappurtar tad-data msemmija fil-paragrafi 1, 3, 4 and 5 ta' dan l-Artikolu. Għall-finijiet tar-rappurtar dwar l-implimentazzjoni tal-punti (a) u (b) tal-Artikolu 11(2), l-Istati Membri għandhom jużaw il-format stabbilit fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' April 2012 li tistabbilixxi kwestjonarju għar-rapporti tal-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-iskart. Għall-fini ta' rappurtar dwar l-iskart tal-ikel, il-metodoloġija żviluppata skont l-Artikolu 9(8) għandhom jitqiesu meta jkun qed jiġi żviluppat il-format għar-rappurtar. Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta'eżami msemmija fl-Artikolu 39(2) ta' din id-Direttiva.";

(28) l-Artikolu 38 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 38*

**Skambju ta' informazzjoni u kondiviżjoni tal-aħjar prattiki, interpretazzjoni u adattament għall-progress tekniku**

1. Il-Kummissjoni għandha torganizza skambju regolari ta' informazzjoni u kondiviżjoni tal-aħjar prattiki fost l-Istati Membri, inkluż, fejn xieraq, mal-awtoritajiet reġjonali u lokali, dwar l-implimentazzjoni prattika u l-infurzar tar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva, inkluż dwar:

(a) l-applikazzjoni tar-regoli ta' kalkolu stabbiliti fl-Artikolu 11a, u l-iżvilupp ta' miżuri u sistemi li jintraċċaw il-flussi tal-iskart muniċipali mis-separazzjoni sar-riċiklaġġ;

(b) governanza, infurzar, u kooperazzjoni transkonfinali xierqa;

(c) l-innovazzjoni fil-qasam tal-immaniġġjar tal-iskart;

(d) kriterji nazzjonali dwar il-prodotti sekondarji u dwar it-tmiem tal-istadju tal-iskart, kif imsemmija fl-Artikolu 5(3) u fl-Artikolu 6(3) u (4), iffaċilitati minn reġistru elettroniku għall-UE kollha li għandu jiġi stabbilit mill-Kummissjoni;

(e) l-istrumenti eknomiċi u miżuri oħra użati skont l-Artikolu 4(3) sabiex tingħata spinta lill-kisba tal-objettivi stabbiliti f'dak l-Artikolu;

(f) il-miżuri stabbiliti fl-Artikolu 8(1) u (2);

(g) il-prevenzjoni u l-istabbiliment ta' sistemi li jippromwovu attivitajiet ta' użu mill-ġdid u l-estensjoni tat-tul tal-ħajja;

(h) l-implimentazzjoni tal-obbligi fir-rigward tal-ġbir separat;

(i) l-istrumenti u l-inċentivi għall-ilħiq tal-miri stipulati fil-punti (c), (d) u (e) tal-Artikolu 11(2);

Il-Kummissjoni għandha tagħmel ir-riżultati tal-iskambju ta' informazzjoni u tal-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki disponibbli pubblikament.

2. Il-Kummissjoni tista' tiżviluppa linji gwida għall-interpretazzjoni tar-rekwiżiti stabbiliti f'din id-Direttiva, inkluż dwar id-definizzjoni ta' skart, prevenzjoni, użu mill-ġdid, preparazzjoni għall-użu mill-ġdid, irkupru, riċiklaġġ, rimi, u dwar l-applikazzjoni tar-regoli ta' kalkolu stabbiliti fl-Artikolu 11a.

Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa linji gwida dwar definizzjonijiet tal-iskart muniċipali u tar-radam mill-ġdid.

Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 38a biex temenda din id-Direttiva billi tispeċifika l-applikazzjoni tal-formola għall-faċilitajiet ta' inċinerazzjoni msemmija fil-punt R1 tal-Anness II. Jistgħu jitqiesu l-kundizzjonijiet klimatiċi lokali, bħas-severità tal-kesħa u l-ħtieġa għat-tisħin, sa fejn dawn ikunu jinfluwenzaw l-ammonti ta' enerġija li teknikament jistgħu jintużaw jew jiġu prodotti fil-forma ta' elettriku, tisħin, tkessiħ jew fwar tal-ipproċessar. Jistgħu jitqiesu wkoll il-kundizzjonijiet lokali tal-aktar reġjuni mbiegħda, kif jissemma fit-tielet paragrafu tal-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll tat-territorji msemmija fl-Artikolu 25 tal-Att ta' Adeżjoni tal-1985.

3. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 38a biex temenda l-Annessi IV u V fid-dawl tal-progress xjentifiku u tekniku.";

(29) jiddaħħal l-artikolu li ġej:

"*Artikolu 38a*

**L-eżerċizju tad-delega**

1. Il-Kummissjoni tingħata b'dan is-setgħa li tadotta atti delegati, soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa tal-adozzjoni tal-atti ta' delega msemmija fl-Artikoli 7(1), 9(8), 11a(10),, 27(1), 27(4), 38(2) u 38(3) hija mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin mill-4 ta' Lulju 2018. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel tmiem il-perjodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel l-iskadenza ta' kull perjodu.

3. Id-delega tas-setgħat imsemmija fl-Artikoli 7(1), 9(8), 11a(10), 27(1), 27(4), 38(2) u 38(3) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. M'għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma' tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti innominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet (*).

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill

6. Att delegat adottat skont l-Artikoli 7(1), 9(8), 11a(10), 27(1), 27(4), 38(2) u 38(3) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

(*) ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.";

(30) l-Artikolu 39 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 39*

**Proċedura ta' kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*).

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Meta l-kumitat ma jagħti ebda opinjoni, il-Kummissjoni ma għandhiex tadotta l-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni, u għandu japplika t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

(*) Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).";

(31) Fl-Anness II, l-operazzjonijiet R 3, R 4 u R 5 huma ssostitwiti bis-segwenti:

"R 3 Riċiklaġġ/riklamazzjoni ta' sustanzi organiċi li mhumiex użati bħala solventi (inklużi l-ikkompostjar u proċessi oħra ta' trasformazzjoni bijoloġika) (**)

R 4 Riċiklaġġ/riklamazzjoni ta' metalli u komposti tal-metall (***)

R 5 Riċiklaġġ/riklamazzjoni ta' materjali inorganiċi oħra (****)

(**) Dan jinkludi l-preparazzjoni għall-użu mill-ġdid, il-gassifikazzjoni u l-piroliżi bl-użu tal-komponenti bħala kimiki u l-irkupru ta' materjali organiċi fil-forma ta' radam mill-ġdid.

(***) Dan jinkludi l-preparazzjoni għall-użu mill-ġdid.

(****) Dan jinkludi l-preparazzjoni għall-użu mill-ġdid, ir-riċiklaġġ ta' materjali inorganiċi tal-bini, l-irkupru ta' materjali inorganiċi fil-forma ta' radam mill-ġdid, u t-tindif tal-ħamrija li jirriżulta fl-irkupru tal-ħamrija.";

(32) It-test stipulat fl-Anness għal din id-Direttiva huwa inserit bħala l-Annessi IVa u IVb.

*Artikolu 2*

**Traspożizzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sal-5 ta' Lulju 2020. Għandhom minnufih jinfurmaw lill-Kummissjoni b'dan.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew għandhom jinkludu dik ir-referenza meta jiġu pubblikati uffiċjalment. Il-metodi kif issir din ir-referenza għandhom ikunu stabbiliti mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tal-miżuri ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri l-oħra dwarhom.

*Artikolu 3*

**Id-dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 4*

**Destinatarji**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Strasburgu, it-30 ta' Mejju 2018.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| A. TAJANI | L. PAVLOVA |

*ANNESS*

Jiddaħħlu l-Annessi li ġejjin:

*"ANNESS IVa*

EŻEMPJI TA' STRUMENTI EKONOMIĊI U MIŻURI OĦRA BIEX JIĠU PPROVDUTI INĊENTIVI GĦALL-APPLIKAZZJONI TAL-ĠERARKIJA TAL-ISKART KIF IMSEMMI FL-ARTIKOLU 4(3) ([1])

1. Imposti u restrizzjonijiet fuq ir-rimi f'landfills u l-inċinerazzjoni ta' skart li jinċentivizzaw il-prevenzjoni u r-riċiklaġġ tal-iskart, filwaqt li jżommu r-rimi f'landfills bħala l-anqas għażla preferita għall-immaniġġjar tal-iskart;

2. Skemi ta' "ħallas skont kemm tarmi" li jiċċarġjaw lill-produtturi tal-iskart fuq il-bażi tal-ammont ta' skart iġġenerat u jipprovdu inċentivi għas-separazzjoni fis-sors ta' skart riċiklabbli u għat-tnaqqis ta' skart imħallat;

3. Inċentivi fiskali għad-donazzjoni ta' prodotti, b'mod partikolari l-prodotti tal-ikel;

4. Skemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur għal tipi varji ta' skart u miżuri biex tiżdied l-effikaċja, il-kosteffiċjenza u l-governanza tagħhom;

5. Skemi ta' rifużjoni tad-depożitu u miżuri oħra biex jinkoraġġixxu l-ġbir effiċjenti ta' prodotti u materjali użati;

6. Ippjanar tajjeb tal-investimenti fl-infrastruttura tal-immaniġġjar tal-iskart, inkluż permezz tal-fondi tal-Unjoni;

7. Akkwist pubbliku sostenibbli biex jiġu promossi l-immaniġġjar aħjar tal-iskart u l-użu ta' prodotti u materjali riċiklati;

8. Tneħħija gradwali tas-sussidji li mhumiex konsistenti mal-ġerarkija tal-iskart;

9. Użu ta' miżuri fiskali jew mezzi oħra biex jiġi promoss l-użu ta' prodotti u materjali li huma ppreparati għall-użu mill-ġdid jew riċiklati;

10. Appoġġ għar-riċerka u l-innovazzjoni f'teknoloġiji avvanzati ta' riċiklaġġ u ta' manifattura mill-ġdid;

11. Użu tal-aħjar tekniki disponibbli għat-trattament tal-iskart;

12. Inċentivi ekonomiċi għall-awtoritajiet reġjonali u lokali, b'mod partikolari għall-prevenzjoni tal-iskart u sabiex jiżdiedu l-iskemi tal-ġbir separat, filwaqt li jiġu evitati l-appoġġ tar-rimi f'landfills u l-inċinerazzjoni;

13. Kampanji ta' sensibilizzazzjoni tal-pubbliku, b'mod partikolari dwar il-ġbir separat, il-prevenzjoni tal-iskart u t-tnaqqis tar-rimi taż-żibel, u l-integrazzjoni ta' dawn il-kwistjonijiet fl-edukazzjoni u t-taħriġ;

14. Sistemi għall-koordinazzjoni, inkluż b'mezzi diġitali, bejn l-awtoritajiet pubbliċi kompetenti kollha involuti fl-immaniġġjar tal-iskart;

15. Promozzjoni ta' djalogu kontinwu u kooperazzjoni bejn il-partijiet kollha interessati fl-immaniġġjar tal-iskart, u tħeġġiġ ta' ftehimiet volontarji u rappurtar ta' kumpaniji dwar l-iskart.

*ANNESS IVb*

PJAN TA' IMPLIMENTAZZJONI LI GĦANDU JIĠI PPREŻENTAT SKONT L-ARTIKOLU 11(3)

Il-pjan ta' implimentazzjoni li għandu jiġi ppreżentat skont l-Artikolu 11(3) għandu jinkludi dan li ġej:

1. valutazzjoni tar-rati passati, attwali u mbassra ta' riċiklaġġ, tar-rimi f'landfills u trattament ieħor tal-iskart muniċipali u l-flussi li huwa kompost minnhom;

([1]) Filwaqt li dawn l-istrumenti u l-miżuri jistgħu jipprovdu inċentivi għall-prevenzjoni tal-iskart, li hija l-ogħla livell fil-ġerarkija tal-iskart, hemm lista komprensiva ta' aktar eżempji speċifiċi ta' miżuri ta' prevenzjoni tal-iskart stabbilita fl-Anness IV.

2. valutazzjoni tal-implimentazzjoni tal-pjanijiet għall-immaniġġjar tal-iskart u l-programmi għall-prevenzjoni tal-iskart fis-seħħ skont l-Artikoli 28 u 29;

3. raġunijiet li għalihom l-Istat Membru jikkunsidra li jista' ma jirnexxilux jilħaq il-mira rilevanti stipulati fl-Artikolu 11(2) fi żmien l-iskadenza stipulata hemmhekk u valutazzjoni tal-estensjoni taż-żmien meħtieġa biex tintlaħaq dik il-mira;

4. miżuri meħtieġa biex jintlaħqu l-miri stipulati fil-paragrafi 2 u 5 tal-Artikolu 11(2) u (5) li huma applikabbli għall-Istat Membru matul l-estensjoni taż-żmien, li jinkludu strumenti ekonomiċi xierqa u miżuri oħra biex jiġu pprovduti inċentivi għall-applikazzjoni tal-ġerarkija tal-iskart kif stipulata fl-Artikolu 4(1) u l-Anness IVa;

5. skeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tal-miżuri identifikati fil-punt 4, id-determinazzjoni tal-korp kompetenti għall-implimentazzjoni tagħhom u valutazzjoni tal-kontribuzzjoni individwali tagħhom biex jintlaħqu l-miri applikabbli fil-każ ta' estensjoni ta' żmien;

6. informazzjoni dwar il-finanzjament għall-immaniġġjar tal-iskart f'konformità mal-prinċipju ta' min iniġġes iħallas;

7. miżuri biex titjieb il-kwalità tad-data, kif xieraq, bil-għan li tittejjeb il-prestazzjoni tal-ippjanar u tal-monitoraġġ tal-immaniġġjar tal-iskart.".